A.L. 120 ta' l-2004

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Laħam Frisk (Annimali Bovini, Majjali, Nagħaġ, Mogħoż u Solipedi Domestiċi) għall-Konsum Uman

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Serizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titlu, skop u applikazzjoni

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar Laħam Frisk (Annimali Bovini, Majjali, Nagħaġ, Mogħoż u Solipedi Domestiċi) għall-Konsum Uman.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC dwar kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u kummerċ ta' laħam frisk.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli ta' saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' laħam frisk, maħsub għall-konsum uman, minn annimali domestiċi ta' l-ispeċi li ġejjin: annimali bovini (inklużi l-ispeċi *bubalus bubalis* u *bison bison*), majjali, nagħaġ u mogħoż u solipedi domestiċi.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għat-tqattigħ u l-ħażna ta' laħam frisk magħmul fi ħwienet ta' bejgħ bl-imnut jew f'bini maġenb postijiet ta' bejgħ, fejn it-tqattigħ u l-ħażna jsiru biss għall-iskop li jissuplixxu lill-konsumatur direttament fuq il-post.

(5) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal regoli speċifiċi tal-komunità dwar laħam kapuljat.

(6) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx jaffettwaw xi restrizzjonijiet imposti fuq il-bejgħ bl-imnut ta' laħam minn solipedi li joriġinaw minn Malta.

Tifsir

2. Għall-għan ta' dawn ir-regolamenti -

(a) "ċentru tar-*repacking*" ifisser *workshop* jew *depot* fejn laħam imgeżwer maħsub biex jitqiegħed fis-suq ikun miġbur mill-ġdid u, jew pakkettat mill-ġdid;

(b) "karkassa" tfisser il-ġisem sħiħ ta' annimal maqtul wara l-iżvinar, l-evixxerazzjoni u t-tneħħija tad-driegħ fil-*carpus* u t-*tarsus*, it-tneħħija tar-ras, id-denb u d-driegħ, u b'żieda, fil-każ ta' annimali bovini, nagħaġ, mogħoż u solipedi, wara t-tisliħ. Madanakollu, fil-każ ta' majjali, it-tneħħija tad-driegħ fil-*carpus* u t-*tarsus* u t-tneħħija tar-ras tista' ma ssirx fejn il-laħam ikun maħsub għal trattament skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC;

(ċ) "laħam" tfisser il-partijiet kollha ta' l-annimali bovini domestiċi (inkluż l-ispeċi *bubalis bubalis* u *bison bison*) majjali, nagħaġ, mogħoż u solipedi li huma adatti għall-konsum uman;

(d) "laħam frisk" tfisser laħam, inkluż laħam *vacuum-wrapped* jew *wrapped* f'atmosfera kontrollata li ma jkunx għadda minn xi trattament ħlief trattament bil-kesħa biex jiżgura preservazzjoni;

(e) "laħam rikoverat mekkanikament" tfisser laħam miksub b'mezzi mekkaniċi minn għadam li jkollu laħam frsik apparti mill-għadam tar-ras, l-estremitajiet tad-driegħ taħt il-*carpal* u t-*tarsal joints* u, fil-każ ta' majjali, il-*coccygeal vertebrae*, u maħsub għal stabbilimenti approvati skond l-artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC;

(f) "mezz ta' trasport" tfisser il-partijiet ta' *freight carrying* ta' vetturi, ferroviji u ajruplani u l-*holds* ta' vapuri jew kontenituri għat-trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru;

(ġ) "offali" tfisser laħam frisk barra minn dak li hu tal-karkassa kif definita f'(d), anki jekk tibqa' naturalment konnessa mal-karkassa;

(ħ) "*packaging*" tfisser it-tqegħid ta' laħam frisk imgeżwer ġo tieni kontenitur u dan l-aħħar kontenitur innifsu;

(i) "pajjiż destinatarju" tfisser Stat Membru li lilu jkun mibgħut laħam frisk minn Malta jew Stat Membru ieħor;

(j) "pajjiż esportatur" tfisser Stat Membru li minnu jkun mibgħut laħam frisk;

(k) "qtil ta' emerġenza speċjali" tfisser kull qtil ordnat minn *surgeon* veterinarju wara inċident jew problemi fiżjoloġiċi u funzjonali serji. Qtil ta' emerġenza speċjali jista' jsir barra l-biċċerija fejn is-*surgeon* veterinarju jikkunsidra li l-ġarr ta' l-annimal ikun impossibbli jew iġiegħel lill-annimal isofri mingħajr bżonn;

(l) "sieħeb fil-kummerċ" għall-għan ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandha tfisser -

(i) Stati Membri tal-Kommunita Ewropea;

(ii) Pajjiżi Terzi għall-Kommunita Ewropea.

(m) "stabbiliment" tfisser biċċerija approvata, impjant ta' tqattigħ approvat, *cold store* approvat jew unit li jiġbor flimkien diversi stabbiliment bħal dawn;

(n) "veterinarju uffiċjali" tfisser il-veterinarju magħżul mis-Servizz Veterinarju ta' Malta jew l-awtorità kompetenti ċentrali ta' Stat Membru;

(o) "*viscera*" tfisser offali mit-*thoracic, abdominal* u *pelvic cavities*, inkluż it-*trachea* u l-*oesophagu*;,

(p) "*wrapping*" tfisser il-protezzjoni ta' laħam frisk bl-użu ta' tgeżwir inizjali, jew kontenitur inizjali f'kuntatt dirett mal-laħam frisk konċernat u t-tgeżwira inizjali jew kontenitur inizjali nnifsu.

Dak li jista jitqiegħed fis-suq tat-territorju ta' Malta

3. (1) Huma awtorizzati biss li jitqiegħdu fuq is-suq fit-teritorju ta' Malta -

(i) Karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi mqatta' f'mhux aktar minn tliet biċċiet *wholesale*, u *quarters* li -

(a) ikunu ġew miksuba minn biċċerija li ssegwi l-kundizzjonijiet imniżżla fil-Kapitolu I u II tal-Iskeda I u approvata u taħt superviżjoni skond ir-regolament 10;

(b) jiġu minn annimal maqtul u li ġie spezzjonat qabel il-qatla minn veterinarju uffiċjali skond il-Kapitolu VI tal-Iskeda I u mgħoddi b'tajjeb, b'riżultat ta' spezzjoni bħal din, għall-qatla għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) ikunu ġew trattati taħt kundizzjonijiet ta' iġene sodisfaċenti skond il-Kapitoli V u VII tal-Iskeda I;

(d) ikunu ġew spezzjonati wara l-qatla minn veterinarju uffiċjali skond il-Kapitolu VIII tal-Iskeda I u ma juru ebda tibdil ħlief għall-qtugħ trawmatiku li jkunu seħħew ftit ħin qabel il-qatla jew malformazzjonijiet jew tibdiliet lokalizzati, kemm-il darba jkun stabbilit, jekk meħtieġ permezz ta' testijiet xierqa fil-laboratorju, li dan il-qtugħ, malformazzjonijiet jew tibdiliet ma jirrendux il-karkassa u l-offal mhux tajjeb għall-konsum uman jew ta' periklu għas-saħħa umana;

(e) ikollhom timbru mediku skond il-Kapitolu XI tal-Iskeda I;

(f) ikunu akkumpanjati matul il-ġarr b' -

(I) dokument kummerċjali li jakkumpanjahom, li jrid -

- ikun imfassal mill-istabbiliment li jkun qiegħed jibgħat,

- b'żieda mal-partikularitajiet provduti f'punt 50 tal-Kapitolu XI tal-Iskeda I, ikollhom numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-istabbiliment approvat u fil-każ ta' laħam friżat, b'mod ċar ix-xahar u s-sena ta' friżar,

- għal laħam maħsub għall-Finlandja u l-Isvezja, ikollhom waħda mill-indikazzjonijiet provduti fit-tielet *indent* ta' Parti IV tal-Iskeda IV,

- ikun miżmum minn min jirċievi sabiex ikun prodott fuq it-talba tal-awtorità kompetenti. Il-*computer data* trid tkun stampata fuq it-talba tal-awtorità imsemmija;

(II) ċertifikat mediku skond il-Kapitolu XI tal-Iskeda I, fil-każ ta' laħam minn biċċerija li tinsab f'reġjun jew żona ristretta jew laħam li se jintbagħat lil Stat Membru ieħor, wara li jgħaddi minn pajjiż terz fi trakk siġillat.

Regoli dettaljati biex japplika (I), u b'mod partikulari dawk li jikkonċernaw l-allokazzjoni ta' numri ta' kodiċi u l-kumpilazzjoni ta' waħda jew aktar mil-listi li jidentifikaw il-veterinarji uffiċjali, għandhom jiġu adottati skond ir-regoli tal-Kommunita Ewropea u il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 (1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

Fuq talba tas-Servizz Veterinarju f'Malta jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru destinatarju, irid jingħata ċertifikat mediku fejn il-laħam ikun maħsub għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz wara l-proċessar. L-ispejjeż għal dan iċ-ċertifikat għandhom jitħallsu mill-operaturi;

(ġ) ikunu maħżuna skond il-Kapitolu XIV tal-Iskeda I wara awtopsja taħt kundizzjonijiet ta' iġene sodisfaċenti fi stabbilimenti approvati skond ir-regolament 10 u taħt superviżjoni skond il-Kapitolu X tal-Iskeda I;

(ħ) ikunu trasportati taħt kundizzjonijiet ta' iġene sodisfaċenti skond il-Kapitolu XV tal-Iskeda I.

(ii) Qatgħat u biċċiet iżgħar minn dawk riferiti fir-regolament 3(1)(i), jew laħam mingħajr għadam *wrapped* jew le li -

(a) ikunu tneħħewlhom l-għadam jew imqattgħa jew imgeżwra f'impjant ta' tqattigħ li jsegwi l-kundizzjonijiet imniżżla fil-Kapitoli I u III tal-Iskeda I u approvati u taħt superviżjoni skond ir-regolament 10;

(b) ikunu tneħħewlhom l-għadam jew imqattgħa jew imgeżwra skond il-Kapitolu IX tal-Iskeda I u ġejjin minn -

- laħam frisk li jaqbel mal-ħtiġijiet imniżżla fis-subregolament (1)(i), ħlief għal dawk riferiti fis-sotto-paragrafu (ħ), u li jkun trasportat skond il-Kapitolu XV tal-Iskeda I, jew

- laħam frisk impurtat minn pajjiż terz skond il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC;

(ċ) ikunu ġew maħżuna taħt kundizzjonijiet li jaqblu mal-Kapitolu XIV tal-Iskeda I fi stabbilimenti approvati skond ir-regolament 10 u taħt superviżjoni skond il-Kapitolu X tal-Iskeda I;

(d) ikunu ġew verifikati minn veterinarju uffiċjali skond il-Kapitolu X tal-Iskeda I;

(e) isegwu l-ħtiġijiet ta' *wrapping* u *packaging* imniżżla fil-Kapitolu XII tal-Iskeda I;

(f) isegwu l-ħtiġijiet tar-regolament 3(1)(i) (ċ), (e), (f), u (ħ).

(iii) Offal li jiġi minn biċċerija approvata jew impjant ta' tqattigħ approvat. Offal mhux imqatta' jrid ikun konformi mal-ħtiġijiet tar-regolament 3(1)(i) u (ii). Offal irid ikun konformi mal-ħtiġijiet ta' sezzjoni (ii).

(iv) Laħam frisk maħżun skond dawn ir-regolamenti *f'cold store* approvat mis-Servizz Veterinarju ta' Malta jew mill-awtorità veterinarja kompetenti ta' Stat Membru u li ma jkunx wara dan għadda minn xi maniġġar, ħlief b'konnessjoni ma' ħażna, li -

(a) issegwi l-ħtiġijiet tar-regolament 3(1)(i) (ċ), (e), (ġ) u (ħ) u (ii) u (iii) jew hu laħam frisk impurtat minn pajjiżi terzi skond il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC;

(b) ikun akkumpanjat matul il-ġarr lejn il-post ta' destinazzjoni bid-dokument kummerċjali li jakkumpanjah jew iċ-ċertifikat riferit fil-paragrafu (i) (f). F'dan il-każ in-numru ta' approvazzjoni veterinarja tal-*cold store* irid ikun mogħti fuq id-dokument kummerċjali li jakkumpanjaħ.

Fejn laħam ikun akkumapanjat minn ċertifikat, dan ta' l-aħħar irid ikun mimli mill-veterinarju uffiċjali fuq il-bażi ta' ċertifikati mediċi mehmuża mal-kunsinna ta' laħam frisk meta kienu mqiegħda fl-imħażen u għandu, fil-każ ta' importazzjoni, jindika l-oriġini tal-laħam frisk.

(v) Laħam frisk prodott skond dawn ir-regolamenti, maħżun *f'cold store* ta' pajjiż terz approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC taħt il-kontroll tad-dwana u li ma jkunx wara dan għadda minn xi maniġġar ħlief b'konnessjoni ma' ħażna, li -

(a) ssegwi l-ħtiġijiet ta' sezzjoni (i), (ii) u (iii);

(b) ssegwi l-garanziji speċifiċi dwar verifikar u ċertifikazzjoni ta' konforma ma' ħtiġijiet ta' ħażna u trasport;

(ċ) ikun akkumpanjat b'ċertifikat li jikkorrispondi ma' mudell li jitfassal taħt ir-regoli tal-Kommunita Ewropea u skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 12 (2) (c) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.
Il-garanziji speċifiċi dwar verifikar, ċertifikazzjoni ta' konforma mal-ħtiġijiet ta' ħażna u trasport u l-ħruġ taċ-ċertifikat għandhom jiġu adottati skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 12 (1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(vi) *Re-packaging* ta' laħam frisk maħsub biex jerġa' jiġi pakkettat fi stabbiliment barra minn dak li fih kien imgeżwer l-ewwel darba, li -

(a) irid isegwi l-ħtiġijiet tas-sub-paragrafi (i),(ii),(iii) u (iv);

(b) irid ikun imneħħi mill-packaging tiegħu u repackaged f'*repacking centre* li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Kapitolu I ta' l-Iskeda I u jkun approvat taħt superviżjoni skond ir-regolament 10.

(2) Madanakollu, mingħajr perġudizzju għall-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali, is-sub-regolament (1), m'għandux japplika għal -

(a) laħam frisk maħsub għal użu ieħor li mhux konsum uman;

(b) laħam frisk maħsub għall-wiri, studji jew analiżi speċjali, kemm-il darba l-kontroll uffiċjali jagħmilha possibbli li jiżgura li l-laħam ma jkunx użat għall-konsum uman u li, meta l-wirja tkun għaddiet jew meta l-istudji jew l-analiżi speċjali jkunu twettqu, il-laħam, bl-eċċezzjoni ta' dak użat għall-iskop ta' analiżi, jkun meqrud;

(ċ) laħam frisk maħsub esklussivament bħala provvisti għall-organizzazzjonijiet Internazzjonali.

Deroga

4. (1) Is-Servizz Veterinarju Malti għandu, b'deroga mir-regolament 3, jippermetti laħam minn biċċeriji li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-Kapitoli I u II tal-Iskeda I biex jitqiegħdu fuq is-suq għall-kummerċ fit-teritorju ta' Malta, kemm-il darba jiġu segwiti dawn il-kundizzjonijiet -

(a) il-biċċeriji inkwistjoni iridu -

(i) jimmaniġġjaw mhux aktar minn 20 *livestock units* kull ġimgħa b'massimu ta' 1,000 *livestock units* kull sena;

(ii) jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Iskeda I, Kapitoli V u VII, punt 66 l-ewwel, it-tieni u r-raba' paragrafi u punt 67 tal-Kapitolu XIV u punt 69 tal-Kapitolu XV, bl-eċċezzjoni tal-ħtiġijiet dwar il-laħam frisk impurtat, u punti 71, 72 u 73;

(iii) isegwu l-ħtiġijiet tal-Iskeda II;

(iv) jinnotifikaw lis-Servizz Veterinarju bil-quddiem bil-ħin tal-qatla u n-numru u l-oriġini ta' l-annimali biex jippermettulha twettaq l-ispezzjoni ta' qabel il-qatla skond il-Kapitolu VI tal-Iskeda I, jew fuq ir-razzett jew fil-biċċerija.

(b) l-operatur tal-biċċerija, is-sid jew l-aġent tiegħu irid iżomm reġistru ta' -

(i) annimali li jidħlu fl-istabbiliment u l-prodotti li joħorġu mill-qatla,

(ii) il-verifiki mwettqa,

(iii) ir-riżultati ta' dawk il-verifiki.

Din l-informazzjoni għandha tkun komunikata lill-awtorità kompetenti fuq talba tagħha.

(ċ) il-veterinarju uffiċjali jew awżiljarju jrid iwettaq l-awtopsja tal-laħam skond l-Iskeda I, Kapitolu VIII, bi qbil mal-ħtiġijiet tal-Iskeda I, Kapitolu VII, punt 32. Fejn il-laħam ikollu tiċrit jew jidher li jkun qed jiħżien, l-awtopsja trid tkun esegwita mill-veterinarju uffiċjali. Il-veterinarju uffiċjali jew l-awżiljarju taħt ir-responsabiltà tiegħu irid regolarment jagħmel monitoraġġ dwar il-qbil mar-regoli ta' iġene mniżżla fil-Kapitoli V u VII tal-Iskeda I. Meta japplika dan ir-regolament, għandhom jintużaw ir-rati ta' konverżjoni li ġejjin, annimali tal-laħam jiġu trattati għal dawn l-għanijiet ta' applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni bl-istess mod tal-ispeċi rispettivi -

(i) ċanga u vitella

- annimali bovini adulti fit-tifsira ta' regoli dwar l-organizzazzjoni tas-suq f'ċanga u vitella u solipedi: 1 *livestock unit*;

- bovini oħra: 0,50 *livestock unit*.

(ii) laħam tal-majjal

- majjal *live weight* ta' aktar minn 100 kg: 0,20 *livestock unit*;

- majjali oħra: 0,15 *livestock unit*.

(iii) laħam ieħor

- ngħaġ u mogħoż: 0,10 *livestock unit;*

- ħrief, gidien u majjali żgħar ta' anqas minn 15 kg *live weight*: 0,05 *livestock unit*.

(2) Fi ħdan il-limitu ta' 1000 *livestock units* riferiti fis-sub-regolament (1), (a) (i), jista' jiġi derogat mil-limitu tal-ġimgħa mniżżel hemmhekk biex jieħu kont tal-bżonn li jinqatlu ħrief u gidien fil-pejodu li jwassal għall-festi reliġjuži, kemm-il darba l-veterinarju uffiċjali jkun preżenti fil-ħin tal-qatla, li l-ħtiġijiet ta' iġene jkunu jaqblu ma' u li l-laħam ma jkunx ġie friżat qabel jitqiegħed fuq is-suq.

(3) L-ammonti massimi provduti fis-sub-regolament (1)(a)(i) jistgħu jiġu applikati għal operaturi individwali li joqtlu huma stess f'ħinijiet ftit jew wisq separati fil-ġimgħa fi stabbiliment li jissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin -

(a) is-sid ta' l-istabbiliment jew kull persuna oħra li tuża l-istabbiliment ikun irċieva taħriġ speċifiku, rikonoxxut mis-Servizz Veterinarju, fl-iġene tal-produzzjoni;

(b) l-annimali li għandhom jinqatlu huma l-propjetà tas-sid tal-istabbiliment, jew ta' biċċier impjegat għal rasu jew ikun ġie mixtri minnu biex isegwu l-ħtiġijiet riferiti f'punt (d);

(ċ) il-laħam ikun prodott fil-bini li jsegwi l-ħtiġijiet ta' l-Iskeda II;

(d) il-produzzjoni trid tkun ristretta biex tissuplixxi stabbilimenti li huma ta' biċċiera riferiti f'(b) u għal bejgħ fuq il-post lill-konsumatur jew lill-entitajiet lokali.

Fejn għadd ta' kwantitajiet ta' qtil individwali jingħaddu, l-ammonti massimi provduti fis-sub-regolament (1) (a) (i) tista' tittella' sa 30 *livestock units* kull ġimgħa u 1500 *livestock units* kull sena għall-biċċerija li ssegwi l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sotto-paragrafu. Meta Malta tkun qed tuża' din l-opportunità, is-Servizz Veterinarju għandu jippubblika l-lista ta' stabbilimenti li jibbenefikaw minn dawn id-disposizzjonijiet.

(4) Tista' tingħata deroga mis-Servizz Veterinarju skond l-Iskeda II fil-każ ta' impjanti ta' tqattigħ li ma jinstabux fi stabbiliment approvat u li jipproduċu mhux aktar minn ħames tunnellati ta' laħam mingħajr għadam kull ġimgħa jew l-ekwivalenti ta' għadam bil-laħam. Id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda I, Kapitolu V, Kapitolu VII, punt 38, Kapitolu IX bl-eċċezzjoni tal-ħtiġijiet għat-temperatura tal-kamra ta' tqattigħ imniżżla fit-tieni sentenza ta' punt 46 (ċ) u punt 48 tal-Kapitolu X għandu japplika għal operazzjonijiet ta' tqattigħ u ħażna fl-istabbilimenti riferiti fl-ewwel sotto-paragrafu.

(5) Laħam li jiġi mill-istabbilimenti riferiti f'dan ir-regolament u li jkun ġie ġudikat tajjeb għal konsum uman, waqt li jżomm f'moħħu il-ħtiġijiet ta' iġene u saħħa mniżżla b'dawn ir-regolamenti, irid ikollu l-marka b'timbru nazzjonali li ma jistax jiġi konfuż mat-timbru provdut fl-Iskeda I, Kapitolu XI, punt 50 u jista' b'mod partikulari

ma jkunx ovali. Madanakollu, dan it-timbru m'għandux ikun meħtieġ għall-qtugħ li ma jkunx ġie pakkettat.

(6) Tista' wkoll jingħata deroga mill-ħtiġijiet minimi tal-Kapitolu I ta' l-Iskeda I għal *cold stores* ta' kapaċità baxxa li fihom ikun maħżun laħam pakkettat biss u prodotti oħra ta' l-ikel.

(7) Biċċeriji li jibbenefikaw mid-deroga provduta f'dan ir-regolament jistgħu ikunu soġġetti għal spezzjoni veterinarja mill-Kummissjoni Ewropea għal stabbilimenti approvati.

Dikjarazzjoni mill-veterinarju uffiċjali għal laħam li mhux tajjeb għal-konsum uman

5. (1) Il-veterinarju uffiċjali jrid jiddikjara li mhumiex tajba għall-konsum uman -

(a) laħam għal annimali -

(i) li fih, mingħajr preġudizzju għall-mard speċifikat fl-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/425/EEC, tkun instabet waħda minn dan il-mard -

- *actinobacillosis* jew *actinomycosis* ġeneralizzata,

- *blackleg,*

- tuberkolożi ġeneralizzata,

- *lymphadenitis* ġeneralizzata,

- *glanders,*

- *rabies*,

- tetnu,

- *salmonellosis* akuta,

- bruċelloż akuta

- *erysipelas* tal-majjali,

- *botulism*,

- *septicaemia, pyaemia, toxaemia* jew *viraemia;*

(ii) Li juri leżjonijiet akuti ta' *bronchopneumonia, pleurisy, peritonitis, metritis, mastitis, arthritis, pericarditis, enteritis* jew *meningo encephalomyelitis* konfermati bi spezzjoni dettaljata, possibilment megħjuna minn eżami bakterjoloġiku u tiftix għal fdalijiet ta' sustanzi b'effett farmakoloġiku.
Madanakollu, fejn ir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet speċjali ikunu favorevoli, il-karkassi għandhom jiġu dikjarati tajbin għall-konsum uman wara li l-partijiet mhux tajba għall-konsum ikunu tneħħew;

(iii) affettwat bil-mard parasitiku li ġej - *generalised macroscopically visible sarcocystosis,generalised cysticercosis, trichinosis;*

(iv) mejjet, twieled mejjet jew *unborn*;

(v) maqtul żgħir wisq u li l-laħam tiegħu ikun *oedematous;*

(vi) juri sinjali ta' *emaciation,* jew *advanced anaemia;*

(vii) juri tumuri multipliċi, *abscesses* jew feriti gravi f'partijiet differenti tal-karkassa jew f'*viscera* differenti.

(b) laħam minn annimali -

(i) li jkunu produċew reazzjoni pożittiva jew inkonklussiva għat-*tuberculin* u li minn eżami mwettaq skond punt 41 (a) tal-Kapitolu VIII tal-Iskeda I ikun wera biss *tuberculous lesions* lokalizzati f'numru ta' organi jew numru ta' partijiet tal-karkassa.

Madanakollu, fejn jinstab *tuberculous lesion* fil-*lymph node* ta' l-istess organu jew parti mill-karkassa l-organu affettwat biss jew il-parti tal-karkassa u l-*lymph node* assoċjati biss għandhom jiġu dikjarati mhux tajba għall-konsum uman;

(ii) li jkun irreaġixxa pożittivament jew inkonklussivament għal bruċelloż konfermata permezz ta' leżjonijiet li jindikaw infezzjoni akuta.

Anki jekk ma tinstab ebda leżjoni minn dawn, l-*udder*, il-parti ġenitali tal-ġisem, u d-demm iridu xorta waħda jkunu dikjarati mhux tajba għall-konsum uman.

(ċ) - il-partijiet ta' karkassi li juru sinjali ta' *major serious* jew *haemorrhagic infiltrations, abscesses* lokalizzati jew kontaminazzjoni lokalizzata;

- offali u *viscera b'pathological lesions* ta' oriġini infettiva, parasitika jew trawmatika.

(d) laħam li -

- jkun imnawwar;

- juri anomaliji serji dwar kulur, riħa, konsistenza jew togħma.

(e) fejn il-veterinarju uffiċjali jkun sodisfatt li karkassa jew offal ikun affettwat *b'caseous lymphadenitis* jew xi kundizzjoni oħra suppurattiva u li l-imsemmija kundizzjoni ma tkunx ġeneralizzata jew assoċjata ma' *emaciation* -

(i) kull organu u l-*lymph node* assoċjata miegħu, jekk teżistu l-kundizzjoni msemmija qabel fuq il-wiċċ jew fis-sustanza ta' dak l-organu jew *lymph node*;

(ii) f'kull każ li għalih (i) ma japplikax, il-leżjoni u l-partijiet ta' madwarha li huwa jqis xierqa, waqt li jagħti każ tal-età u l-ammont ta' attività tal-leżjoni, bi ftehim li leżjoni antika u enkapsulata sew tista' titqies bħala inattiva;

(f) laħam li jirriżulta mit-*trimming* tal-i*sticking point*.

(ġ) fejn il-veterinarju uffiċjali jkun sodisfatt li l-karkassa kollha jew parti minnha jew kull offal ikun affettwat b'xi marda jew kundizzjoni oħra barra minn dawk riferiti fil-punti preċedenti, il-karkassa sħiħa u l-offali jew xi parti oħra minnha, kif hu jaħseb li jkun xieraq.

(ħ) karkassi li l-offal tagħhom ma jkunx saritlu ispezzjoni wara l-qtil.

(i) id-demm ta' annimal li l-laħam tiegħu ġie dikjarat bħala mhux tajjeb għall-konsum uman skond il-punti preċendenti u d-demm kontaminat b'kontenuti ta' stonku jew xi sustanza oħra.

(j) laħam minn annimali li lilu kien amministrat -

(i) sustanzi projbiti taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/22/EC;

(ii) prodotti li jistgħu jirrendu laħam perikoluż jew ta' ħsara għas-saħħa umana;

(iii) *tenderizers*.

(k) laħam li jkun fih fdalijiet ta' sustanzi mhux awtorizzati skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/22/EC u fdalijiet ta' prodotti mediċinali, antibijotiċi, pestiċidi jew ta' sustanzi oħra li huma ta' ħsara jew jistgħu jirrendu l-konsum ta' laħam frisk perikoluż jew ta' ħsara għas-saħħa umana, jekk dawn il-fdalijiet jeċċedu l-livell permess stabbilit bir-regoli relevanti tal-Komunita Ewropea;

(l) laħam kontaminat jew imtebbgħa b'tali mod li jiġi deċiż skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea, wara li titieħed l-opinjoni tal-kumitat xjentifiku rilevanti;

(m) il-fwied u l-kliewi ta' annimali ikbar minn sentejn minn reġjuni li fihom pjanijiet implimentati skond id-Direttiva tal-Kunsill tal-Komunita Ewropea 96/23/EC ikunu urew il-preżenza ġeneralizzata ta' metalli tqal fl-ambjent;

(n) laħam li, mingħajr preġudizzju għar-regoli possibbli tal-Komunita Ewropea applikabbli fil-qasam ta' ionizzazzjoni, ikun ġie trattat b'radjazzjoni ionizzanti jew *ultraviolet.*

(o) laħam li jagħmel riħa sesswali qawwija.

(2) Żiediet jew emendi għas-sub-regolament (1) jistgħu jiġu adottati, b'mod partikulari għal tuberkolożi, bruċelloži u salmonella, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropeja maħtura sabiex tkun mogħtija opinjoni mill-kumitat xjentifiku rilevanti.

(3) Fir-rigward ta' salmonella u sakemm issir l-adozzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Komunita Ewropea provduti fis-sub-regolament (2), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin għal laħam maħsub għall-Finlandja u l-Isvezja -

(a) il-kunsinni ta' laħam ikunu ġew soġġetti għal test mikrobijoloġiku permezz ta' kampjuni fl-istabbiliment ta' oriġini skond ir-regoli mniżżla fl-Iskeda VI;

(b) it-test provdut f'(a) ma għandux isir fuq kunsinni ta' laħam maħsuba għal stabbiliment għall-għanijiet ta' pasturizzazzjoni, sterilizzazzjoni jew għal trattament li għandu effett ekwivalenti.

(ċ) it-test provdut f'(a) ma għandux isir fuq laħam li joriġina minn stabbiliment li jkun soġġett għal programm rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak implimentat fil-Finlandja u fl-Isvezja.

Miżuri obligatorji għat-territorju ta' Malta

6. (1) Fit-teritorju ta' Malta, huwa obligatorju li -

(a) mingħajr preġudizzju għall-każijiet provduti fir-regolament 5 (1) (a) (iii) u fir-regolament 5 (2), laħam tal-majjal frisk jew laħam taż-żiemel riferit fir-regolament 3, jekk ma jkunx testjat għal *trichinosis* skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/96/EEC, jgħaddi minn trattament ta' tkessiħ skond l-Anness IV ta' dik id-Direttiva;

(b) laħam minn -

(i) fħula użati għat-tgħammir,

(ii) qżieqeż *cryptorchid* u *hermaphrodite,*

(iii) mingħajr preġudizzju għall-każijiet provduti fir-regolament 5 (1) (o) qżieqeż irġiel mhux kastrati b'piż ta' karkassa b'eċċess ta' 80 kilogram, ħlief fejn l-istabbiliment ikun kapaċi jiggarantixxi permezz ta' metodu rikonoxxut mis-Servizz Veterinarju, li karkassi li jagħtu

pronounced boar taint jistgħu jintgħarfu, ikollhom il-marka speċjali provduta fl-Iskeda VII u jgħaddu minn wieħed mit-trattamenti provduti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC;

(ċ) laħam rikoverat mekkanikament jgħaddi minn trattament ta' sħana skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC;

(d) wara t-tneħħija ta' partijiet li mhumiex tajba għall-konsum, laħam frisk u offali minn annimali *b'nongeneralised infestation* permezz ta' *cysticercus bovis* jew *cysticercus cellulosae* jgħaddu minn trattament ta' kesħa bl-użu ta' metodu rikonoxxut skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

(e) annimali li jkunu għaddew minn qtil ta' emerġenza speċjali jistgħu biss ikunu awtorizzati għall-konsum uman fis-suq lokali u biss jekk jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin -

- il-fond ta' oriġini mhuwiex soġġett għal restrizzjonjiet ta' politika ta' saħħa,

- qabel il-qatla l-annimal ikun ġie soġġett għal spezzjoni minn veterinarju skond ir-regolament 3 (1) (a) u (b),

- l-annimal ikun ġie maqtul wara li jkun stordut, żvinat u possibilment evixxerat fuq il-post; il-veterinarju jista' f'każijiet speċjali, jippermetti li flok sturdament jawtorizza l-isparar,

- l-annimal maqtul u żvinat ikun trasportat mill-aktar fis possibbli wara l-qatla taħt kundizzjonijiet ta' iġene sodisfaċenti lejn biċċerija approvata skond dawn ir-regolamenti. Fejn l-annimal maqtul ma jistax jinġieb fi żmien siegħa lejn biċċerija bħal din, irid ikun trasportat f'kontenitur jew mezz ta' trasport li fih it-temperatura ambjentali tinżamm bejn 0^{o}C u 4^{o}C. L-evixxerazzjoni, sakemm ma tkunx ġiet

effetwata fil-ħin tal-qatla, trid issir fi żmien massimu ta' tliet sigħat wara l-qatla; jekk l-evixxerazzjoni ssir fuq il-post, il-*viscera* trid tintbagħat mal-karkassa lejn il-biċċerija,

- matul it-trasport lejn il-biċċerija, l-annimal maqtul ikun akkumpanjat minn ċertifikat maħruġ mis-*surgeon* veterinarju li jkun ordna ċ-ċertifikar tal-qatla, ir-riżultat favorevoli tal-ispezzjoni ta' qabel il-mewt, il-ħin tal-qatla u n-natura ta' kull trattament amministrat lill-annimal u, jekk xieraq, ir-riżultat tal-ispezzjoni tal-*viscera*; dan iċ-ċertifikat irid jikkorrispondi ma' mudell li għandu jitfassal skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji,

- il-karkassa tal-annimal maqtul tkun, sakemm l-awtopsja mwettqa skond ir-regolament 3(1)(i)(d) supplimentata fejn applikabbli permezz ta' eżami bakterjoloġiku, tkun identifikata bħala kollha jew f'parti tajba għall-konsum uman, hekk maniġġata li ma tiġix f'kuntatt ma' karkassi ta' laħam u offali maħsuba għall-konsum uman;

(f) laħam minn żona soġġetta għal restrizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali, hu soġġett għal regoli speċifiċi li għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' każ għal każ skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea;

(ġ) it-trattament provdut fil-punti preċedenti jitwettaq fl-istabbiliment ta' oriġini jew f'kull stabbiliment ieħor magħżul mill-veterinarju uffiċjali;

(ħ) laħam irid ikun markat b'timbru nazzjonali li ma jistax jiġi konfuż mat-timbru deskritt fl-Iskeda I Kapitolu XI punt 50 u b'mod partikolari mhux ovali.

Aktar regoli obbligatorji għat-teritorju ta' Malta

7. (1) Fit-territorju ta' Malta, huwa obligatorju li -

(a) laħam dikjarat mhux tajjeb għall-konsum uman għandu jkun distint b'mod ċar minn laħam dikjarat tajjeb għall-konsum uman.

(b) laħam dikjarat mhux tajjeb għall-konsum uman ikun trattat skond ir-Regolament tal-Kunsill u l-Parlament tal-Komunita Ewropea (EC) 1774/2002 dwar regoli ta' saħħa li jikkonċernaw by-products ġejjin minn annimali għal-konsum uman;

(2) Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom, jekk meħtieġ, ikunu determinati skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 (1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veteinarji.

Eżaminazzjoni ta' fdalijiet

8. (1) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/23/EC, annimali jew il-laħam tagħhom irid jgħaddi minn eżami għal fdalijiet meta l-veterinarju uffiċjali jissuspetta l-preżenza tagħhom fuq il-bażi tas-sejbiet tal-ispezzjoni tas-saħħa.

Dan l-eżami għandu jfittex għal fdalijiet kemm ta' sustanzi li għandhom azzjoni farmakoloġika kif ukoll tal-prodotti ta' konverzjoni tagħhom, u għal sustanzi oħra trasmessi lil laħam li jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa umana.
Jekk il-laħam eżaminat juri traċċi ta' fdalijiet fi kwantitajiet li jeċċedu t-tolleranzi permessi, irid ikun dikjarat mhux tajjeb għall-konsum uman.

Dawn l-eżamijiet għal fdalijiet iridu jitwettqu skond metodi pruvati li huma rikonoxxuti xjentifikament, b'mod partikulari dawk imniżżla fir-regoli tal-Komunita Ewropea jew *standards* internazzjonali oħra.

Irid ikun possibli li jkunu evalwati r-riżultati tal-eżamijiet għal fdalijiet bl-użu ta' metodi ta' riferenza stabbiliti skond il-legiżlazzjoni tal-Komunita Ewropea.

Ta' l-anqas laboratorju ta' riferenza wieħed għandu jkun magħżul mis-Servizz Veterinarju ta' Malta biex iwettaq l-eżami għal fdalijiet.

Regoli li għandhom jiżuraw is-Servizzi Veterinarji

9. Is-Servizz Veterinarju għandu jiżgura -

(i) il-preżenza permanenti ta' mill-anqas uffiċjal veterinarju wieħed f'biċċerija approvata skond ir-regolament 10 matul l-ispezzjonijiet ta' qabel il-qatla u ta' l-awtopsja;

(ii) il-preżenza mill-anqas darba kuljum ta' veterinarju uffiċjali f'impjant ta' tqattigħ approvat skond ir-regolament 10, meta jkun qed isir xogħol fuq il-laħam, biex jivverifika l-kundizzjonijiet ta' iġene ta' l-impjant u r-reġistrar ta' laħam frisk li jidħol u joħroġ mill-impjant.

(iii) il-preżenza regolari ta' veterinarju uffiċjali *f'cold store* u f'ċentru ta' pakkettar approvat. Il-veterinarju uffiċjali jista' jkun assistit minn awżiljarji mqiegħda taħt l-awtorità u r-responsabiltà tiegħu fit-twettiq tal-operati li ġejjin -

(a) spezzjoni qabel il-qatla, xogħol l-awżiljarju jkun li jagħmel verifika inizjali fuq l-annimali u biex jgħin f'ħidmiet purament prattiċi;

(b) awtopsja, kemm-il darba l-veterinarju uffiċjali jkun attwalment kapaċi jagħmel superviżjoni tax- xogħol ta' l-awżiljarji fuq il-post;

(ċ) il-kontroll tas-saħħa ta' laħam imqatta' u maħżun;

(d) l-ispezzjoni u s-superviżjoni ta' stabbilimenti approvati skond ir-regolament 10;

In-numru ta' awżiljarji jrid ikun żgħir biżżejjed biex iħalli l-veterinarju uffiċjali jeżerċita superviżjoni effettiva ta' l-ispezzjoni ta' wara l-qtil.

Persuni biss li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Iskeda III jistgħu jiġu appuntati bħala awżiljarji, wara li jagħmlu test organizzat mis-Servizz Veterinarju.

Sabiex tkun provduta l-għajnuna riferita hawn fuq, l-awżiljarji għandom jiffurmaw parti minn tim ta' spezzjoni taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali. Iridu jkun indipendenti mill-istabbiliment. Is-Servizz Veterinarju għandu jiddetermina l-kompożizzjoni tat-tim ta' spezzjoni għal kull stabbiliment b'mod li l-veterinarju uffiċjali jkun kapaċi jagħmel superviżjoni tal-operati ta' hawn fuq.

Regoli dettaljati dwar l-għajnuna riferita f'dan ir-regolament għandhom, safejn ikun meħtieġ, ikunu determinati skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Lista ta' l-istabilimenti li ġew approvati

10. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jfassal lista ta' stabbilimenti approvati, barra minn dawk riferiti fir-regolament 4, kull stabbiliment ikollu numru ta' approvazzjoni veterinarju. Is-Servizz Veterinrju għandu jibgħat din il-lista lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea.

Impjanti ta' tqattigħ riferiti fit-tieni *indent* tat-tieni paragrafu ta' punt 19 tal-Iskeda I irid ukoll ikun soġġett għall-approvazzjoni skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC. Għandha ssir riferenza għal din l-approvazzjoni speċjali fil-lista ta' impjanti ta' tqattigħ pubblikata mis-Servizz Veterinarju.

Is-Servizz Veterinarju m'għandux japprova stabbiliment sakemm ikun sodisfatt li jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

Meta jinstab li l-iġene jkun inadegwat u fejn il-miżuri provduti f'punt 41 (f) tal-Kapitolu VIII tal-Iskeda I ikun pruvat mhux biżżejjed biex jirrimedja s-sitwazzjoni, is-Servizz Veterinarju għandu temporanjament jissospendi l-approvazzjoni dwar parti mill-attività in kwistjoni jew l-istabbiliment kollu.

Jekk l-operatur tal-istabbiliment, is-sid jew l-aġent tiegħu ma jagħmilx tajjeb għan-nuqqasijiet nutati, matul il-perjodu fissat mis-Servizz Veterinarju, dan ta' l-aħħar għandu jirtira l-approvazzjoni dwar parti mill-attività in kwistjoni jew l-istabbiliment kollu.
Is-Servizz Veterinarju għandu hawn jieħu kont tal-konklużjonijiet ta' kull verifika mwettqa skond ir-regolament 12. L-Istati Membri u il-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu nfurmati bis-sospensjoni jew bl-irtirar ta' l-approvazzjoni.

(2) L-operatur tal-istabbiliment, is-sid jew l-aġent tiegħu irid, skond it-tieni sotto-paragrafu tas-sub-regolament (4), jikkonduċi verifiki regolari fuq l-iġene ġenerali tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni fl-istabbiliment tiegħu, fost l-oħrajn, permezz ta' kontrolli mikrobijoloġiċi.

Il-verifiki jridu jkopru utensili, *fittings* u makkinarju f'kull stadju ta' produzzjoni u, jekk meħtieġ, il-prodotti.

L-operatur ta' l-istabbiliment, is-sid jew l-aġent tiegħu irid ikun f'pożizzjoni, fuq talba mis-Servizz Veterinarju, li jinforma lill-veterinarju uffiċjali jew lill-esperti veterinarji tal-Istati Membri jew l-esperti veterinarji tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-natura, il-frekwenza u r-riżultati tal-verifiki magħmula għal dan il-għan, flimkien ma' l-isem tal-laboratorju investigattiv, jekk ikun meħtieġ.

In-natura tal-verifiki, il-frekwenza tagħhom, kif ukoll il-metodi ta' teħid ta' kampjuni u l-metodi għal eżaminar bakterjoloġiku għandhom ikunu stabbiliti skond ir-reoli tal-Kommunita Ewropea u il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(3) L-operatur tal-istabbiliment, is-sid jew l-aġent tiegħu irid jistabbilixxi programm ta' taħriġ għall-impjegati li jgħin lill-ħaddiema jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni iġenika adatta għall-istruttura tal-produzzjoni.

Il-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-istabbiliment irid ikun involut fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' dak il-programm.

(4) Spezzjoni u superviżjoni ta' stabbilimenti għandhom jitwettqu taħt ir-responsabiltà tal-veterinarju uffiċjali li, skond ir-regolament 9, jista' jkun assistit minn awżiljarji, fix-xogħlijiet purament materjali. Il-veterinarju uffiċjali irid f'kull ħin ikollu aċċess liberu għall-partijiet kollha ta' stabbilimenti sabiex jiżgura li dawn ir-regolamenti qiegħdin jiġu segwiti, u fejn hemm dubju dwar l-oriġini ta' laħam jew annimali maqtula, għal dokumenti ta' rendikont li jgħinuh jindividwa l-fond ta' oriġini ta' annimal maqtul.

Il-veterinarju uffiċjali jrid regolarment janalizza r-riżultati tal-verifiki provduti fis-sub-regolament (2). Huwa jista', fuq il-bażi ta' din l-analiżi, jagħmel aktar eżamijiet mikrobijoloġiċi f'kull stadju ta' produzzjoni jew fuq il-prodotti.

Ir-riżultat ta' dawn l-analiżi, għandu jinkiteb f'rapport, li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom jiġu notifikati lill-operatur ta' l-istabbiliment, lis-sid jew lill-aġent tiegħu, li għandu jirranġa n-nuqqasijiet nutati sabiex titjieb l-iġene.

Ġbir u użu tar-riżultati ta'-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla

11. Is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq jew iħalli f'idejn servizz jew korp ċentrali x-xogħolijiet ta' ġbir u użu mir-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-qatla mwettqa mill-veterinarju uffiċjali dwar id-dijanjosi ta' mard trasmess lill-bniedem.

Fejn issir dijanjosi ta' din il-marda, ir-riżultati tal-każ speċifiku għandhom ikunu komunikati mill-aktar fis possibbli lill-awtoritajiet veterinarji kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-merħla li minnha oriġinaw l-annimali.

Is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar ċertu mard u każijiet partikulari fejn issir dijanjosi tal-mard trasmess lill-bniedem.

Verifiki fuq il-post

12. (1) Esperti veterinarji mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu b'koperzzjoni mas-Servizz Veterinrju ta' Malta, jagħmlu verifiki fuq il-post. Is-Servizz Veterinarju għandu jipprovdi lill-esperti bl-għajnuna kollha meħtieġa biex iwettqu l-missjoni tagħhom.

B'mod partikulari, aċċess fuq l-istess bażi bħal-uffiċjali ta' l-awtorita kompetenti għandha tiġi mogħtija lil kull persuna kkonċernata, kif ukoll informazzjoni u documentazzjoni u aċċess fi postijiet ta' stabilimenti, installazzjonijiet u mezzi ta' trasport sabiex jistgħu jsiru il-verifiki.

Kif japplika l-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji

13. (1) Skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji -

(a) tista' tingħata deroga mit-tieni, it-tielet u r-raba' inċiżi ta' punt 14 (ċ) tal-Kapitolu II, minn punt 42 (a) (2) tal-Kapitolu VIII u punt 46 (d) tal-Kapitolu IX tal-Iskeda I, fuq talba, lil xi Stat Membru li jipprovdi garanziji simili. Dawn id-derogi għandhom jistabilixxu l-kundizzjonijiet ta' saħħa li jkunu ta' l-anqas ekwivalenti għal dawk ta' l-Iskeda I,

(b) jistgħu jiġu deċiżi ħtiġiet addizzjonali adatti għas-sitwazzjoni speċifika tal-Istat Membru konċernat dwar ċertu mard li għandu mnejn jagħmel ħsara lis-saħħa umana.

(2) Kundizzjonijiet speċjali dwar 'suq bl-ingrossa' -

(a) għall-għanijiet ta' dan is-sub-paragrafu, suq bl-ingrossa tfisser -

suq li jkun fih numru ta' stabbilimenti separati li jistgħu jaqsmu faċilitajiet komuni, inkluż żoni komuni li fihom jitqattgħu, jinħażnu, jitpoġġew għall-wiri u għall-bejgħ, laħam frisk jew laħam frisk tat-tjur. Suq bl-ingrossa jista' jkun ma' stabbilimenti approvati oħra.

(b) stabbiliment li jkun jinsab f'suq li jbigħ bl-ingrossa ma jistax jitqiegħed fuq il-lista ta' stabbilimenti approvati provduta fir-regolament 10 (1) sakemm ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-sub-paragrafu (d),

(ċ) (i) l-istabbilimenti jew grupp ta' stabbilimenti li joperaw f'suq bl-ingrossa jistgħu jirċievu numru ta' approvazzjoni veterinarju.

(ii) in-numru ta' approvazzjoni veterinarju msemmi fis-sub-regolament (1) jista' jkun temporanjament sospiż jew irtirat mis-Servizz Veterinarju jekk stabbiliment jew grupp ta' stabbilimenti ma jibqgħux isegwu l-kundizzjonijiet imniżżla f'dawn ir-regolamenti. Din is-sospensjoni jew irtirar mhux neċessarjament taffettwa l-approvazzjoni ta' stabbilimenti oħra tas-suq bl-ingrossa.

(d) (i) L-istabbilimenti jridu jsegwu l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti mniżżla fil-Kapitolu I u Kapitolu II ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti.

Madanakollu, iż-żoni, il-makkinarju u l-faċilitajiet riferiti f'punti 1, 2 (b), 4 (ċ) u (e) u 5 sa 13 tal-Kapitolu I u punti 15 (a) sa (d) tal-Kapitolu III jistgħu jintużaw flimkien.

Mal-kamra riferita f'punt 9 tal-Kapitolu I għas-Servizz Veterinarju, jistgħu jiżdiedu kmamar oħra, jekk ikun meħtieġ; il-kamra jew kmamar, jistgħu ikunu f'parti oħra tas-suq bl-ingrossa.

(ii) Żoni ta' ħażniet refriġirati -

Jekk żoni ta' ħażniet refriġirati jeżistu flimkien ma' dawk imsemmija fl-Anness I, Kapitolu III punt 15 (a) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, iż-żoni jridu jsegwu l-kundizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' *cold stores* imniżżla fil-Kapitolu IV tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC.

(iii) Ħażna -
Karkassi, nofs-karkassi, kwart jew biċċiet oħra kif ukoll offali li jkunu murija għall-għażla jew għall-bejgħ għandhom jinżammu mkessħin b'mod li jkun żgurat li t-temperatura interna tkun miżmuma kif imniżżel fil-Kapitolu XIV, punt 66 ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti.

Jekk meħtieġ, għandhom ikunu provduti *cold rooms* għall-ispezzjoni tal-oġġetti jew *cool boxes* biex ikunu murija l-oġġetti.

(iv) Il-kundizzjonijiet tal-iġene mniżżla fil-Kapitolu V u partikolarment dawn ta' punt 19 Kapitolu VII, punt 38 Kapitoli IX, XII u XV tal-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti, iridu jkunu rispettati.

Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha prattikabbli biex ikun żgurat li persuni li għandhom aċċess għaż-żoni li fihom ikun maniġġat jew muri l-laħam, huma konformi mal-ħtiġijiet ta' iġene f'punti 18 (a) u 24 tal-Kapitolu V tal-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti.

(v) Għandhom jiġu rispettati l-miżuri ta' superviżjoni kif provduti fir-regolament 9 u Kapitoli X u XI tal-Iskeda I.

Verifiki veterinarji u mizuri penali u amministrativi

14. (1) Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti, il-veterinarju uffiċjali jew is-Servizz Veterinarju għandu, fejn ikun suspettat li leġislazzjoni veterinarja ma tkunx ġiet segwita, jew hemm dubju dwar jekk kemm-il darba laħam ikunx tajjeb għal konsum, iwettaq verifiki veterinarji li jidhru xierqa.

(2) Il-miżuri amministrattivi u penali xierqa biex jippenalizzaw xi ksur tal-leġislazzjoni veterinarja għandu jitniżżel fil-Parti IX ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, b'mod partikulari fejn ikun instab li ċ-ċertifikati jew id-dokumenti mfassla ma jikkorrispondux ma' l-istat attwali tal-laħam, li l-marki ta' identifikazzjoni ma jaqblux mar-regoli, li l-laħam ma kienx preżentat għal spezzjoni jew li l-laħam ma kienx użat għall-għan oriġinarjament maħsub.

SKEDA I

Kapitolu I
Kundizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti

Stabbilimenti jridu mill-anqas ikollhom -

1. Fi kmamar fejn laħam frisk ikun prodott, maħdum jew maħżun u f'żoni u kuruturi li minnhom ikun trasportat laħam frisk -

(a) art *waterproof* li hi faċli li titnaddaf u tkun disinfettata, *rot-proof* u magħmula b'mod li tiffaċilita it-tneħħija ta' ilma: l-ilma jrid ikun kanalat lejn *drains* iffittjati bi *gratings* u *traps* biex jipprevjenu rwejjaħ. Madanakollu -

- fil-każ ta' kmamar riferiti f'punt 14 (d) u (f) u Kapitolu II punt 15 (a) tal-Kapitolu III u punt 16 (a) tal-Kapitolu IV, il-kanalar ta' ilma lejn *drains* mgħammra bi *gratings* u *traps* ma jkunx meħtieġ u fil-każ ta' bini riferit f'punt 16 (a), ikun biżżejjed apparat li biħ l-ilma jista' faċilment jitneħħa;

- fil-każ ta' kmamar mniżżla fi punt 17(a) ta' Kapitolu IV u fi żoni u kuruturi min fejt jiġI traspotat laħam frisk, pavimentar *waterproof* u li ma jiddikomponiex *(rot-proof)* huwa biżżejjed;

(b) ħitan lixxi, b'saħħithom u impermejabbli, b'zebgħa kulur ċar, li tinħasel sa għoli ta' mill-anqas żewġ metri, u ta' mill-anqas tliet metri fi kmamar tal-qatla, fi kmamar ta' tkessiħ jew refriġerazzjoni u fl-imħażen il-ħitan iridu jkun miżbugħa mill-anqas sa l-għoli tal-ħażna. Fejn imiss il-ħajt ma l-art, irid ikunu għat-tond jew irfinut similarment ħlief fil-kmamar riferiti f'punt 17 (a) tal-Kapitolu IV. Madanakollu, l-użu ta' ħitan ta' l-injam fi kmamar riferiti f'punt 17 (a) tal-Kapitolu IV mhijiex raġuni għall-irtirar ta' l-approvazzjoni, kemm-il darba kienu mibnija qabel Jannar 1983;

(ċ) bibien b'materjal ta' saħħa, ma jitmermirx u, jekk tal-injam, b'kisja lixxa u impermejabbli fuq l-uċuħ kollha;

(d) materjali ta' insulazzjoni li jkunu *rot-proof* u mingħajr riħa;

(e) ventilazzjoni adegwata u estrazzjoni tajba tal-fwar;

(f) dawl naturali jew artifiċjali adegwat li ma jbiddilx kuluri;

(g) saqaf nadif u faċli li jitnaddaf; jekk mhux hekk, saqaf b'wiċċ interjuri, li jsegwi dawn il-kundizzjonijiet.

2. (a) viċin kemm jista' jkun għal lant tax-xogħol, numru biżżejjed ta' faċilitajiet għat-tindif u disinfettar tal-idejn u għat-tindif tal-għodod b'ilma sħun. Il-vitien ma jridux ikunu jaħdmu bl-idejn. Għall-ħasil ta' l-idejn, dawn il-faċilitajiet irid ikollhom ilma sħun u kiesaħ jew ilma mħallat minn qabel f'temperatura adatta, prodotti ta' tindif u disinfettar u mezzi iġeniċi biex inixxfu l-idejn;

(b) faċilitajiet biex ikunu disinfettati għodod, b'ilma sħun provdut f'mhux anqas minn 82°C.

3. Arranġamenti xierqa għal protezzjoni kontra pesti bħalma huma insetti u ġrieden.

4. (a) Strumenti u makkinarju tax-xogħol bħalma huma mwejjed tat-tqattigħ, imwejjed b'uċuh tat-tqattigħ li jiżżarmaw, kontenituri, *conveyor belts* u srieraq, magħmula minn materjal li ma jitmermirx li ma jistax itebba' laħam u li jkun faċli biex jitnaddaf u jkun disinfettat. Uċuh li jiġu, jew li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' laħam, inkluż *welds* u *joins* iridu jinżammu lixxi. L-użu ta' laħam frisk pakkettat iġenikament;

(b) *Fittings* u makkinarju li ma jitmermirx li jsegwi l-ħtiġijiet ta' iġene għall-immaniġġar ta' laħam, ħażniet ta' kontenituri tal-laħam, b'mod li la l-laħam u lanqas il-kontenituri ma jiġu f'kuntatt dirett ma' l-art u l-ħitan;

(ċ) Faċilitajiet, inkluż *reception* u *marshalling areas* li huma mfassla u mgħammra sew, għall-immaniġġar u protezzjoni iġenika ta' laħam matul it-tagħbija u l-ħatt.

(d) Kontenituri *watertight* speċjali u li ma jitmermrux, b'għotjien u *fasteners* biex iżommu persuni mhux awtorizzati milli jneħħu affarijiet minnhom, biex iżommu laħam mhux maħsub għall-konsum uman, jew kamra li tissakkar għal laħam bħal dan jekk il-kwantitajiet ikunu kbar biżżejjed biex jinħtieġ dan jew jekk il-laħam ma jkunx imneħħi jew meqrud fit-tmiem ta' kull ġurnata tax-xogħol; fejn dan il-laħam ikun tneħħa minn ġo *conduits,* dawn iridu jkunu hekk mibnija u nstallati sabiex jevitaw kull riskju ta' kontaminazzjoni tal-laħam frisk;

(e) Faċilitajiet għall-ħażna iġenika ta' materjali għat-tgeżwir u pakkettar fejn dawn l-attivitajiet jitwettqu fl-istabbiliment;

5. Apparat ta' refriġerazzjoni biex iżomm it-temperatura nterna tal-laħam fil-livelli rikjesti minn dawn ir-regolamenti. Dan l-apparat irid jinkludi sistema għat-tneħħija ta' ilma kondensat mingħajr l-ebda possibiltà ta' kontaminazzjoni tal-laħam;

6. Provvista pressata ta' ilma tajjeb għax-xorb skond it-tifsira tar-regoli tal-Komunita biss. Madanakollu, provvista ta' ilma mhux tajjeb għax-xorb tkun awtorizzata f'każijiet eċċezzjonali ta' produzzjoni ta' fwar, tifi tan-nar u t-tkessiħ ta' apparat ta' refriġerazzjoni, kemm-il darba l-kanen installati għal dan il-għan iżommu milli dan l-ilma jintuża għal għanijiet oħra u ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni ta' laħam frisk. Kanen ta' ilma mhux tajjeb għax-xorb iridu jkunu distinti b'mod ċar minn dawk użati għal ilma tajjeb għax-xorb;

7. Provvista adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb sħun, skond it-tifsira tar-regoli tal-Komunita;

8. Sistemi ta' likwidi u solidi *disposal* li jsegwu l-ħtiġijiet ta' iġene;

9. Kamra li tissakkar adegwatament mgħammra għall-użu esklussiv tas-Servizz Veterinarju; jew fil-każ ta' mħażen riferiti f'punt 17 tal-Kapitolu IV, faċilitajiet adatti;

10. Faċilitajiet li jippermettu spezzjonijiet veterinarji provduti f'dawn ir-regolamenti li għandhom jitwettqu b'mod effiċjenti f'kull ħin;

11. Numru adegwat ta' *changing rooms* bl-art u ħitan lixxi, *waterproof* u li jinħaslu, sinkijiet, *showers* u *flush lavatories* hekk mgħammra sabiex jipproteġu l-partijiet nodfa tal-bini minn kontaminazzjoni. Il-*lavatories* ma jridux jinfdu direttament fil-kmamar tax-xogħol. *Showers* mhumiex meħtieġa *f'cold stores* li jilqgħu u jibagħtu biss laħam frisk imgeżwer b'mod iġeniku. Is-inkijiet irid ikollhom ilma sħun u kiesaħ jew ilma mħallat minn qabel f'temperatura adatta, materjali għat-tindif u d-disinfettar ta' l-idejn u mezzi iġeniċi biex jitnixxfu l-idejn. Il-vitien tas-sinkijiet ma jridux ikunu jitħaddmu bl-idejn jew bid-dirgħajn. Irid ikun hemm numru suffiċjenti ta' dawn is-sinkijiet viċin il-*lavatories;*

12. Post u faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-disinfettar ta' mezzi ta' trasport għal laħam ħlief fil-każ ta' *cold stores* li jilqgħu u jibagħtu biss laħam frisk pakkjat iġenikament. Post bħal dan separat u faċilitajiet adegwati għal mezzi tat-trasport għal bhejjem miżmuma iridu jkunu provduti fil-każ ta' biċċeriji. Madanakollu, dawn il-postijiet u faċilitajiet mhumiex obligatorji jekk jeżistu disposizzjonijiet li jinħtieġu li mezzi ta' trasport ikunu mnaddfa u disinfettati f'faċilitajiet awtorizzati uffiċjalment;

13. Kamra jew post sikur għall-ħażna ta' deterġenti, disinfettanti u sustanzi simili.

Kapitolu II
Kundizzjonijiet Speċjali għall-approvazzjoni ta' biċċeriji

14. B'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali, biċċeriji jrid ikollhom mill-anqas -

(a) kenn adegwat, jew, jekk il-klima tippermetti, fondi fejn jistennew l-annimali; il-ħitan u l-art iridu jkunu b'saħħithom, impermejabbli u faċli biex jitnaddfu u jkunu disinfettati; dawn il-faċilitajiet iridu jkunu mgħammra biex jisqu l-annimali, u biex jekk ikun meħtieġ jitimgħuhom, u jekk xieraq b'sistema ta' drenaġġ;

(b) bini għall-qatla kbir biżżejjed biex ix-xogħol isir sew. F'bini fejn jinqatlu kemm qżieqeż kif ukoll speċi oħra ta' annimali, irid ikun provdut post speċjali fejn jinqatlu l-qżieqeż; madanakollu, post speċjali bħal dan mhux essenzjali jekk il-qtil ta' qżieqeż u dak ta' annimali oħra jsir f'ħinijiet differenti; imma f'dawn il-każijiet it-tismit, tbattil tqaxxir u tixwit iridu jitwettqu f'postijiet speċjali li huma separati b'mod ċar mil-linja ta' qatla jew permezz ta' spazju miftuħ ta' mill-anqas ħames metri jew permezz ta' *partition* ta' l-anqas għolja tlett metri;

(ċ) kmamar separati kbar biżżejjed u esklussivament riservati għal -

- tbattil u tindif ta' stonkijiet u intestini. Kmamar separati m'għandhomx, madanakollu, jkunu meħtieġa jekk dawn l-operati li jinvolvu stonkijiet u intestini jitwettqu permezz ta' apparat mekkaniku *closed circuit* li jkollu sistema xierqa ta' ventilazzjoni u li tissodisfa dawn il-ħtiġijiet -

(i) l-apparat irid ikun installat u rranġat b'mod li x-xogħol għas-separazzjoni ta' intestini mill-istonku u għat-tbattil u t-tindif ta' stonkijiet jitwettqu iġenikament. Irid jitpoġġa f'post speċjail li jkun separat b'mod ċar minn xi laħam frisk espost, permezz ta' *partition* mill-art sa għoli ta' mill-inqas tliet metri u li ddawwar iż-żona fejn jitwettaq dan ix-xogħol, jekk xogħol bħal dan jitwettaq fil-biċċerija. B'żieda, fejn ikunu konċernati majjali, din id-disposizzjoni għandha tapplika kemm ikun meħtieġ biex iżżomm milli laħam frisk u offali jkunu kontaminati,

(ii) id-disinn u l-operat tal-magna jrid effettivament jevita kull kontaminazzjoni ta' laħam frisk,

(iii) extractor ta' l-arja jrid ikun installat u jrid jiffunzjona b'mod li jelimina rwejjaħ u kull riskju ta' kontaminazzjoni *aerosol,*

(iv) il-magna trid tkun mgħammra b'apparat li jippermetti evakwazjoni *closed circuit* ta' ilma żejjed u l-kontenuti ta' stonkijiet għas-sistema tad-drenaġġ,

(v) id-dawra li minnha jgħaddu l-istonkijiet lejn u mill-magna jridu jkunu kemm separati b'mod ċar u f'distanza mid-dawra segwita minn laħam frisk ieħor. Immedjatament wara li jkunu tbattlu u tnaddfu, l-istonkijiet iridu jitneħħew b'manjiera iġenika.

(vi) stonkijiet ma jridux ikunu maniġġati minn impjegati li jimmaniġġaw laħam frisk ieħor. Impjegati li jimmaniġġaw stonkijiet ma jridx ikollhom aċċess għal laħam frisk ieħor;

- dressing ta' msaren u kirxa jekk dan jitwettaq fil-biċċerija. Madanakollu, dawk ix-xogħolijiet jistgħu jitwettqu fl-istess kamra riferita fl-ewwel *indent* kemm-il draba tkun evitata *cross-contamination;*

- preparazzjoni u tindif ta' offali oħra barra minn dak riferit fl-indenti preċedenti, inkluż post separat għall-ħażna ta' rjus f'distanza suffiċjenti minn offali oħra, jekk dawn ix-xogħolijiet jitwettqu fil-biċċerija u ma jitwettqux fuq il-linja tal-qatla;

- il-ħażna ta' ġlud, qran, xikel, lanżit ta' majjali, f'każ li dawn ma jitneħħewx direttament mill-biċċerija fl-istess jum tal-qatla, f'kontenituri li jingħalqu u ma jnixxux ilma sakemm jitneħħew;

(d) post separat għall-pakkettar ta' offali jekk dan isir fil-biċċerija;

(e) bini li jissakkar jew, jekk il-klima tippermetti, fondi adatti bi drenaġġ separat għal annimali morda jew suspettati li huma morda; bini li jissakkar riservat għall-qatla ta' dawn l-annimali, il-ħażna ta' laħam miżmum u l-ħażna ta' laħam dikjarat mhux tajjeb għall-konsum uman. Mhux essenzjali l-bini riservat għall-qatla ta' dawn l-annimali fi stabbiliment mhux awtorizzat mis-Servizz Veterinarju għall-qatla ta' dawn l-annimali jew fejn dan il-qtil jitwettaq fit-tmiem ta' qtil normali, kemm-il darba jittieħdu passi biex jevitaw kontaminazzjoni ta' laħam dikjarat tajjeb għall-konsum uman. F'dan il-każ il-bini jrid ikun imnaddaf u diżinfettat b'mod speċjali taħt superviżjoni uffiċjali qabel ma jerġa' jintuża għall-qtil ta' annimali li la huma morda u lanqas suspettati li huma morda;

(f) kmamar ta' tkessiħ jew refriġerazzjoni kbar biżżejjed mgħammra b'*fittings* reżistenti għat-tmermir disinjati biex jipprevjenu laħam frisk milli jiġi f'kuntatt ma' l-art jew mal-ħitan meta jkun qed jinġarr jew jinżamm;

(ġ) mezzi li jikkontrollaw l-aċċess lejn u l-ħruġ mill-biċċerija;

(ħ) separazzjoni ċara bejn iż-żoni ta' xogħol imċappsa u dawk nodfa tal-bini, sabiex jipproteġu ż-żoni nodfa minn kontaminazzjoni;

(i) apparat tali li, wara li jiġu storduti, jista' jsir *dressing* kemm jista' jkun possibli fuq l-annimal sospiż; taħt l-ebda ċirkustanza l-annimal sospiż ma jista' jiġi f'kuntatt ma' l-art matul id-*dressing;*

(j) sistema ta' *rails* minn fuq għal maniġġar aħjar tal-laħam;

(k) jekk jiġi maħżun demel fiż-żoni tal-biċċerija, sezzjoni speċjali għal dan id-demel;

(l) kamra adatta mgħammra biex isir eżami għat-*trichinella* fejn dan it-test isir fl-istabbiliment.

Kapitolu III
Kundizzjonijiet Speċjali għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' tqattigħ.

15. B'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali, impjanti ta' tqattigħ irid ikollhom ta' l-anqas -

(a) kmamar ta' tkessiħ jew refriġirazzjoni kbar biżżejjed għall-preservazzjoni tal-laħam, u, fejn ikun maħżun laħam pakkettat fl-istabbiliment, kamra bħal din separata għal-laħam pakkettat. Laħam mhux pakkettat ma jistax jiġi maħżun fi kmamar ta' tkessiħ jew refriġirazzjoni bħal dawn sakemm l-ewwel ma jiġix imnaddaf u diżinfettat;

(b) kamra għat-tqattigħ u t-tneħħija tal-għadam u għar-*wrapping* mgħammra b'*recording thermometer* jew *recording tele-thermometer;*

(ċ) kamra għall-pakkettar, fejn dawn ix-xogħolijiet jitwettqu fl-impjant ta' tqattigħ, sakemm il-kundizzjonijiet provduti f'punt 63 tal-Kapitolu XII ikunu segwiti;

(d) kamra għall-ħażna ta' materjali pakkettati u mgeżwra, fejn dawn ix-xogħolijiet isiru fl-imjant ta' tqattigħ.

Kapitolu IV
Kundizzjonijiet Speċjali għall-approvazzjoni ta' *cold stores*

16. B'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali, imħażen li fihom laħam frisk ikun maħżun skond l-ewwel paragrafu f'punt 66 tal-Kapitolu XIV irid ta' l-anqas ikollhom -

(a) kmamar ta' tkessiħ u refriġerazzjoni kbar biżżejjed, li jkunu faċli biex jitnaddfu u li fihom laħam frisk ikun maħżun f'temperaturi provduti taħt l-ewwel paragrafu ta' punt 66;

(b) *recording thermometer* jew *recording tele-thermometer* f'kull jew għal kull żona ta' ħażna.

17. B'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali, imħażen li fihom laħam frisk ikun maħżun skond it-tmien paragrafu ta' punt 66 tal-Kapitolu XIV irid ta' l-anqas ikollu -

(a) kmamar ta' tkessiħ u refriġerazzjoni kbar biżżejjed, li jkunu faċli biex jitnaddfu u li fihom laħam frisk jista' jiġi maħżun fit-temperatura provduta fit-tmien paragrafu ta' punt 66;

(b) *recording thermometer* jew *recording tele-thermometer* f'kull jew għal kull żona ta' ħażna.

Kapitolu V
Iġene ta' l-impjegati, bini u makkinarju fl-istabbilimenti

18. Għandha tkun mitluba indafa assoluta ta' impjegati, bini u makkinarju -

(a) impjegati li jimmaniġġaw laħam frisk espost jew imgeżwer jew li jaħdmu fi kmamar u żoni li fihom laħam bħal dan ikun maniġġat, pakkettat jew trapostat iridu b'mod partikulari jilbsu barnuża nadifa u faċli li titnaddaf, *footwear* u lbies tax-xogħol b'kulur ċar u, fejn meħtieġ, *neck shields* nodfa u lbies protettiv ieħor. Imjegati li jaħdmu fil-qtil ta' annimali jew li jaħdmu fuq jew jimmaniġġaw laħam iridu jilbsu lbies tax-xogħol nadif fil-bidu ta' kull ġurnata tax-xogħol u jridu jbiddlu matul il-jum skond kif meħtieġ u jridu jaħslu u jiddiżinfettaw idejhom ħafna drabi matul il-ġurnata tax-xogħol u kull darba li jerġgħu jibdew jaħdmu. Persuni li jiġu f'kuntatt ma' annimali morda jew laħam infettat iridu immedjatament wara jaħslu jdejhom u dirgħajhom b'ilma sħun u mbagħad jiddiżinfettawhom. It-tipjip hu projbit fi kmamar tax-xogħol, mħażen, *load in, reception, marshalling u load out areas*, u f'żoni oħra u kuruturi li minnhom jgħaddi laħam frisk;

(b) l-ebda annimal ma jista' jidħol fl-istabbiliment ħlief, fil-każ ta' biċċeriji, annimali għall-qatla u b'riferenza għaż-żoni ta' dawn il-biċċeriji, annimali meħtieġa għal dan ix-xogħol. Ġrieden, insetti u vermi oħra jridu jinqerdu sistematikament;

(ċ) makkinarju u strumenti wżati għal xogħol fuq laħam għandu jinżamm nadif u fi stat tajjeb ta' riparazzjoni. Għandhom ikunu mnaddfa u diżinfettati tajjeb diversi drabi matul il-ġurnata tax-xogħol, fit-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol u qabel ikunu wżati mill-ġdid meta jkunu mċappsa.

19. Bini, strumenti u makkinarju tax-xogħol ma jridux jintużaw għal għanijiet oħra jekk mhux għal xogħol fuq laħam frisk jew laħam ta' l-annimali mrobbija fir-razzett skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/495/EEC;
Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal -

- makkinarju tat-trasport użat fuq il-bini riferit f'punt 17(a), fejn il-laħam ikun pakkettat,

- il-qtugħ ta' laħam tat-tajr u laħam ta' annimali tal-kaċċa jew laħam tal-fniek jew il-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam, kemm-il darba dawn ix-xogħolijiet isiru f'ħin differenti mit-tqattigħ ta' laħam frsik u laħam ta' l-annimali mrobbija f'razzett riferit fl-ewwel paragrafu u l-kamra ta' tqattigħ tkun kompletament imnaddfa u diżinfettata qabel tintuża mill-ġdid għat-tqattigħ ta' laħam frisk jew laħam ta' l-annimali tal-priża mrobbija f'razzett.

- strumenti ta' tqattigħ ta' laħam għandhom jintużaw biss għal tqattigħ ta' laħam.

20. Laħam u konteniturí tal-laħam ma għandhomx jiġu f'kuntatt dirett ma' l-art.

21. Irid ikun użat ilma tajjeb għax-xorb għall-għanijiet kollha; madanakollu, jista' jintuża ilma mhux tajjeb għax-xorb f'każijiet eċċezzjonali ta' produzzjoni ta' fwar kemm-il darba l-kanen installati għal dan il-għan jipprekludi l-użu ta' dan l-ilma għal għanijiet oħra u ma jippreżentaw l-ebda periklu ta' kontaminazzjoni ta' ilma frisk. B'żieda, ilma mhux tajjeb għax-xorb jista' jintuża f'każijiet eċċezzjonali għat-tkessiħ ta' makkinarju ta' refriġirazzjoni. Kanen ta' ilma mhux potabbli jridu jkunu distinti b'mod ċar minn kanen użati għal ilma tajjeb għax-xorb.

22. Huwa projbit it-tixrid ta' serratura jew xi sustanza simili fuq l-art tal-kmamar tax-xogħol u l-imħażen għal laħam frisk.

23. Deterġenti, disinfettanti u sustanzi simili jridu jkunu wżati b'mod li strument, makkinarju tax-xogħol u laħam frisk ma jkunux affettwati ħażin. L-użu tagħhom irid ikun segwit minn tlaħliħ tajjeb ta' dawn l-istrumenti u makkinarju ta' xogħol b'ilma tajjeb għax-xorb.

24. Persuni li jistgħu jikkontaminaw laħam huma projbiti milli jaħdmu fuqu jew jimmaniġġawh. Meta ingaġġati, kull persuna li taħdem fuq jew timmaniġġa laħam frisk għandha tkun mitluba tipprova, permezz ta' ċertifikat mediku, li m'hemm l-ebda impediment għal dan l-impjieg. Is-superviżjoni

medika ta' din il-persuna għandha tkun regolata permezz tal-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat.

Kapitolu IV
Spezzjoni medika ta' qabel il-qtil

25. Annimali jridu jgħaddu minn spezzjoni ta' qabel il-qtil fi żmien perjodu, li hu inqas minn 24 siegħa wara l-wasla tagħhom fil-biċċerija u inqas minn 24 siegħa qabel il-qatla. B'żieda, il-veterinarju uffiċjali jista' jitlob spezzjoni f'kull żmien ieħor;

L-operatur tal-biċċerija, is-sid jew l-aġent tiegħu jrid jiffaċilita l-operazzjonijiet għat-twettiq ta' spezzjonijiet qabel il-qatla u b'mod partikulari kull maniġġar li jitqies meħtieġ.

Kull annimal li jrid jinqatel għandu jkollu marka ta' identifikazzjoni li tgħin lis-Servizz Veterinarju biex jiddetermina l-oriġini tiegħu.

26. (a) Il-veterinarju uffiċjali jrid iwettaq l-ispezzjoni ta' qabel il-qatla skond regoli professjonali u taħt dawl adatt,

(b) Il-veterinarju uffiċjali jrid, fir-rigward ta' annimali meħuda f'biċċerija, jivverifika l-qbil ma' regoli tal-Komunità dwar il-ħarsien ta' l-annimali.

27. L-ispezzjoni trid tistabilixxi -

(a) jekk l-annimali humiex isofru minn marda li tista' tingħata lill-bniedem u lill-annimali jew jekk jurux sintomi jew huma f'kundizzjoni ġenerali tali li tindika li marda bħal din tista' sseħħ;

(b) jekk jurux sintomi ta' marda jew diżordni tal-kundizzjonijiet ġenerali li għandha mnejn tagħmel il-laħam tagħhom ħażin għall-konsum uman; trid tingħata attenzjoni għal kull sinjal li juri li l-annimali jkunu ħadu sustanzi b'effetti farmakoloġiċi jew ikunu kkunsmaw xi sustanza oħra li tista' tagħmel il-laħam tagħhom ta' ħsara għas-saħħa umana;

(ċ) jekk humiex għajjenin, aġitati jew feruti.

28. (a) Annimali għajjenin jew aġitati jridu jistrieħu għal ta' l-anqas 24 siegħa ħlief jekk il-veterinarju uffiċjali jiddeċiedi mod ieħor;

(b) annimali li fihom tkun tinstab waħda mill-mardiet riferuti f'punt 27(a) u (b) ma jridux jinqatlu għall-konsum uman;

(ċ) qtil ta' annimali suspettati li qed isofru minn waħda mill-mardiet riferiti f'punt 27(a) u (b) iridu jiġu riferiti. Dawn l-annimali jridu jgħaddu minn eżami dettaljat sabiex issir dijanjożi.

Fejn tkun meħtieġa awtopsja sabiex issir dijanjożi, il-veterinarju uffiċjali għandu jitlob li l-annimali in kwistjoni jkunu maqtula separatament jew fit-tmiem ta' qtil normali.

Dawk l-annimali għandhom jgħaddu minn awtopsja dettaljata supplimentata, jekk il-veterinarju jikkunsidraha meħtieġa għall-konferma, b'eżami bakterjoloġiku xieraq u tfittxija għal fdalijiet ta' sustanzi b'effet faramkoloġiku li jista' jkun preżunt li kien ġie amministrat biex jitratta l-istat patoloġiku li ġie osservat.

Kapitolu VII
Qatla, tqattigħ u maniġġar iġeniku ta' laħam

29. Annimali għall-qatla miġjuba f'bini tal-qatla jridu jkunu maqtula immedjatament u l-iżvinar, sliħ jew tneħħija ta' lanżit, *dressing* u evixxerazzjoni jridu jitwettqu b'mod li jevita kull kontaminazzjoni tal-laħam.

30. L-Iżvinar irid ikun komplut; demm maħsub għall-konsum uman irid ikun miġbur f'kontenituri assolutament nodfa. Ma jridx ikun imħawwad bl-idejn, bi strumenti biss li jsegwu l-ħtieġijiet ta' iġene.

31. Huwa obligatorju t-tisliħ immedjat u komplet, ħlief għall-qżieqeż, mingħajr preġudizzju għad-deroga provduta fit-tieni sentenza ta' punt 41(D)(a) tal-Kapitolu VIII. Meta ma jinstelħux, il-qżieqeż irid ikollhom il-lanżit imneħħi immedjatament. Aġenti biex jitneħħa l-lanżit jistgħu jintużaw għal din l-operazzjoni, kemm-il darba wara, il-majjali jkunu mlaħalħa sew b'ilma tajjeb għax-xorb.

Madanakollu, tqaxxir ta' rjus ta' għoġġiela u bovini mhux meħtieġ kemm-il darba dawk l-irjus ikunu maniġġati b'mod li jevita kull kontaminazzjoni ta' laħam frisk.

32. Trid issir evixxerazzjoni immedjata u kompluta mhux aktar tard minn 45 minuta wara l-isturdament jew, fil-każ ta' qtil ritwali, nofs siegħa wara l-iżvinar. Il-pulmuni, qalb, fwied, kliewi, milsa u *mediastinum* jistgħu jew jitneħħew jew jibqgħu mwaħħla mal-karkassa bil-konnessjonijiet naturali tagħhom.

Jekk imneħħija, jridu jkunu numerati jew identifikati b'mod biex jiġu rikonoxxuti bħala li huma ta' karkassa partikulari: dan japplika wkoll għar-ras, l-ilsien, il-mogħdija diġestiva u kull parti ta' l-

annimal meħtieġa għal spezzjoni jew possibilment meħtieġa għall-esekuzzjoni ta' verifiki mniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/23/EEC.

Il-partijiet hawn fuq imsemmija għandhom jibqgħu ħdejn il-karkassa sakemm l-ispezzjoni tkun kompluta. Madanakollu, kemm-il darba ma turi l-ebda sintomu jew ħsara patoloġika, il-*penis* jista' jitneħħa immedjatament. Għall-ispeċi kollha, il-kliewi jridu jitneħħew mill-għata mxaħħma li tgħattihom: fil-każ ta' annimali bovini, majjali u solipedi l-*perirena*l *capsule* trid titneħħa wkoll.

33. Ma jridux jitħallew għodod fil-laħam; tindif tal-laħam permezz ta' mesħa b'biċċa drapp jew materjali oħra, u l-infieħ, huma projbiti. Madanakollu, nefħa ta' organu tista' tkun awtorizzata għal għanijiet ritwali, imma f'dak il-każ, l-organu minfuħ irid ikun eskluż mill-konsum uman.

Infiħ mekkaniku għas-sliħ ta' ħrief u gidien ħajjin ta' piż inqas minn 15kg jista' jkun approvat mill-awtoritajiet kompetenti bi qbil mal-ħtiġijiet ta' iġene.

34. Karkassi ta' solipedi, qżieqeż ikbar minn erba' ġimgħat u annimali bovini ikbar minn sitt ġimgħat iridu jkunu sottomessi għal spezzjoni, maqsuma għat-tul minn nofs 'l isfel mix-xewka tad-dahar. Jekk l-ispezzjoni hekk titlob, il-veterinarju uffiċjali jista' jitlob li xi ras jew xi karkassa biex tinqasam mit-tul. Madanakollu, biex jieħdu kont tal-ħtiġijiet teknoloġiċi jew drawwiet lokali ta' konsum, is-Servizz Veterinarju jista' jawtorizza s-sottomissjoni għal spezzjoni ta' rjus ta' majjali mhux maqsuma min-nofs.

35. Sakemm l-ispezzjoni ma tkunx kompluta, ma jridx ikun possibli għall-karkassi u l-offali mhux spezzjonati li jiġu f'kuntatt ma' karkassi u offali diġa' spezzjonati, u t-tneħħija, qtugħ u trattament ieħor tal-karkassi għandu jkun projbit.

36. Ma jridx ikun possibli għal-laħam miżmum jew dikjarat mhux tajjeb għall-konsum uman, stonkijiet, intestini u oġġetti oħra li ma jittiklux li jiġu f'kuntatt ma' laħam dikjarat tajjeb għall-konsum uman, u dan ta' l-ewwel irid ikun imqiegħed mill-aktar fis possibli fi kmamar speċjali jew kontenituri mqiegħda b'mod li jevitaw kull kontaminazzjoni ta' laħam frisk ieħor.

37. Jekk id-demm jew l-offali ta' għadd ta' annimali ikun miġbur fl-istess kontenitur qabel titlesta l-awtopsja, il-kontenuti kollha jridu jkunu dikjarati ħżiena għall-konsum uman jekk il-karkassa ta' wieħed mill-annimali konċernat ikun ġie dikjarat ħażin għall-konsum uman.

38. L-immaniġġar, *trimming,* trattament ieħor u trasport ta' laħam, inkluż offali, jridu jkunu segwiti skond il-ħtiġijiet kollha ta' iġene. Fejn dan il-laħam ikun pakkettat, irid ikun segwit punt 14(d) tal-Kapitolu II u l-kundizzjonijiet tal-Kapitolu XI. Laħam pakkettat irid ikun maħżun f'kamra separata minn laħam frisk espost.

Kapitolu VIII
Ispezzjoni Medika wara l-qtil

39. Il-partijiet kollha ta' l-annimal inkluż id-demm irid ikun spezzjonat immedjatament wara l-qatla biex jiddetermina jekk il-laħam huwiex tajjeb għall-konsum uman.

40. L-awtopsja trid tinkludi -

(a) spezzjoni viżiva ta' l-annimal maqtul u l-organi tiegħu;

(b) palpazzjoni tal-organi riferuti f'punt 41 u jekk il-veterinarju uffiċjali jidhirli meħtieġ, tal-utru;

(ċ) inċiżjoni ta' ċerti organi u *lymh nodes* u, skond il-konklużjonijiet milħuqa mill-veterinarju uffiċjali, l-utru. Jekk l-ispezzjoni viżiva jew palpazzjoni ta' ċerti organi tindika li l-annimal għandu leżjonijiet li jistgħu jikkontaminaw il-karkassi, makkinarju, impjegati jew bini fejn isir ix-xogħol, dawn l-organi ma jridux ikunu inċiżi fil-kamra tal-qtil jew f'xi parti oħra tal-istabbiliment fejn laħam frisk jista' jiġi kontaminat;

(d) investigazzjoni ta' anomaliji f'konsistenza, kulur, riħa u fejn meħtieġ, togħma;

(e) fejn meħtieġ, testijiet fil-laboratorju b'mod partikulari għas-sustanzi riferiti fir-regolament 5 (1) (j) u (k).

41. Il-veterinarju uffiċjali jrid jipproċedi partikolament b'dan il-mod -

A. Annimali bovini ikbar minn sitt ġimgħat

(a) spezzjoni viżiva tar-ras u l-gerżuma. Is-*submaxillary, retropharyngeal u parotid lymph nodes (Lnn. Retropharyngiales, mandibulares u parotide*) iridu jkunu nċiżi u eżaminati. Il-*masseters* esterni, li fihom iridu jiġu magħmula żewġ inċiżjonijiet paralleli għall-*mandible* u l-*masseters* interni *(internal pterygoid muscles*), li jridu jkunu nċiżi minn tul wieħed, iridu jiġu eżaminati;
L-ilsien, darba ġie meħlus biex jippermetti spezzjoni viżiva dettaljata tal-ħalq u l-*fauces,* irid ikun spezzjonat viżwalment u palpat. It-tunsilli jridu jitneħħew;

(b) spezzjoni tat-*trachea;* eżaminazzjoni viżiva u palpazzjoni tal-pulmuni u l-*oesophagus; il-bronchial u mediastinal lymph nodes (Lnn. Bifurcationes, eparteriales u mediastinales)* iridu jkunu nċiżi u eżaminati. It-*trachea* u l-fergħat ewlenin tal-bronki jridu jinfetħu mit-tul u l-pulmuni jridu jiġu nċiżi

fil-*posterior third* tagħhom, perpendikularment għall-*axes* ewlieni tagħhom; dawn l-inċiżjonijiet mhumiex meħtieġa fejn il-pulmuni jkunu esklużi mill-konsum uman;

(c) spezzjoni viżiva tal-*pericardium* u l-qalb, din ta' l-aħħar tkun inċiża mit-tul sabiex tiftaħ il-*ventricles* u taqta' minn ġol-*interventricular septum;*

(d) spezzjoni viżiva tad-dijaframma;

(e) spezzjoni viżiva u palpazzjoni tal-fwied u l-*hepatic u pancreatic lymph nodes (Lnn portales)* inċiżjoni tal-wiċċ gastriku tal-fwied u fil-bażi tal-*caudate lobe* biex ikun eżaminat il-kanal tal-bili; spezzjoni u palpazzjoni tal-*pancreatic lymph nodes;*

(f) spezzjoni viżiva tal-*gastrointestinal tract, il-mesentery, il-gastric u mesenteric lymph nodes (Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales),* palpazzjoni tal-*gastric u mesenteric lymph nodes*, u jekk meħtieġ, inċiżjoni ta' dawk il-*lymph nodes*;

(ġ) spezzjoni viżiva u, jekk meħtieġ palpazzjoni tal-milsa;

(ħ) spezzjoni viżiva tal-kliewi u inċiżjoni, jekk meħtieġ, tal-kliewi u *renal lymph nodes (Lnn. Renales);*

(i) spezzjoni viżiva tal-*pleura u perit oneum*;

(j) spezzjoni viżiva tal-organi ġenitali;

(k) spezzjoni viżiva u, jekk meħtieġ, palpazzjoni u inċiżjoni tal-bżieżel u l-*lymph nodes* tiegħu *(Lnn supramammarii*). Fil-baqar, kull nofs tal-beżżula għandha tinfetaħ permezz ta' inċiżjoni twila, fond sal-*lactiferous sinuses (sinus lactiferes) u l-lymph nodes* tal-beżżula trid tkun inċiża, ħlief meta l-beżżula tkun eskluża mill-konsum uman.

B. Annimali bovini iżgħar minn sitt ġimgħat.

(a) spezzjoni viżiva tar-ras u l-gerżuma. Ir-*retropharyngeal lymph nodes (Lnn retropharyngiales)* iridu jkunu inċiżi u eżaminati. Il-ħalq u l-*fauces* iridu jkunu spezzjonati u l-ilsien għandu jiġi palpitat. It-tunsilli għandhom jitneħħew;

(b) spezzjoni viżiva tal-pulmuni, it-*trachea u l-oesophagus*; palpitazzjoni tal-pulmuni; il-*bronchial* u l-*mediastinal lymph nodes (Lnn bifurcationes, eparteriales u mediastrinales)* iridu jkunu inċiżi u eżaminati. It-*trachea* u l-fergħat ewlenin tal-bronki jridu jkunu miftuħa għat-tul u l-pulmuni jridu

jkunu nċiżi fil-*posterior third,* perpendikularment għall-*axes* ewlenin tagħhom; dawn l-inċiżjonijiet mhumiex meħtieġa fejn il-pulmuni jkunu eskluż mill-konsum uman;

(ċ) spezzjoni viżiva tal-*pericardium* u l-qalb, ta' l-aħħar tiġi inċiża għat-tul sabiex tiftaħ il-ventrikoli u biex taqta' minn ġewwa l-*interventricular septum*;

(d) spezzjoni viżiva tad-dijaframma;

(e) spezzjoni viżiva tal-fwied u l-*hepatic u pancreatic lymph nodes (Lnn. Portales);* palpitazzjoni u , jekk meħtieġ, inċiżjoni tal-fwied u l-*lymph nodes* tagħhom;

(f) spezzjoni viżiva tal-*gastrointestinal tract,* il-*mesentery* il-*gastric,* u l-*mesenteric lymph nodes (Lnn gastrici, mesenterici, craniales u caudales),* palpitazzjoni tal-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes*, u jekk meħtieġ, inċiżjoni ta' dawk il-*lymph nodes;*

(ġ) spezzjoni viżiva, u jekk meħtieġ, palpitazzjoni tal-milsa,

(ħ) spezzjoni viżiva tal-kliewi u inċiżjoni, jekk meħtieġ, tal-kliewi u r-*renal lymph nodes (Lnn. Renales),*

(i) spezzjoni viżiva tal-*pleura* u l-*peritoneum,*

(j) spezzjoni viżiva u palpitazzjoni ta' l-*umbilical region* u tal-ġogi; fil-każ ta' dubju , l-*umbilical region* trid tkun inċiża u l-ġogi miftuħa. Is-*synovial fluid* irid jiġi eżaminat;

Ċ. Majjali

(a) spezzjoni viżiva tar-ras u l-grieżem; is-*submaxillary (Lnn. Mandibulares) lymph nodes* iridu jiġu eżaminati u inċiżi. Il-ħalq u l-*fauces,* u l-ilsien iridu jiġu spezzjonati viżwalment. It-tunsilli iridu jitneħħew;

(b) spezzjoni viżiva tal-pulmuni, *trachea* u *oesophagus;* palpitazzjoni tal-pulmuni u tal-bronki u l-*mediastinal lymph nodes (Lnn. Bifurcationes, eparteriales u mediastinales). It-trachea* u l-friegħi prinċipali tal-bronki iridu jiġu miftuħa għat-tul u l-pulmuni iridu jiġu inċiżi fil-*posterior third* tagħhom, perpendikulari mal-*axes* prinċipali; madanakollu, dawn l-inċiżjonijiet mhumiex meħtieġa fejn il-pulmuni mhumiex għall-konsum uman;

(ċ) spezzjoni viżiva tal-*pericardium* u l-qalb, b'ta' l-aħħar tiġi inċiża għat-tul biex jinfetħu l-ventrikoli u biex taqta' minn ġol-*interventricular septum;*

(d) spezzjoni viżiva tad-dijaframma;

(e) spezzjoni viżiva u palpitazzjoni tal-fwied u l-*hepatic* u l-*pancreatic lymph nodes (Lnn.portales);* palpitazzjoni tal-fwied u l-*lymph nodes* tiegħu;

(f) spezzjoni viżiva tal-passaġġ gastrointestinali, il-*mesentery,* il-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes (Lnn. Gastrici, mesenterici, craniales u caudales)*, palpitazzjoni tal-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes,* u, jekk meħtieġ, inċiżjoni ta' dawk il-*lymph nodes;*

(ġ) spezzjoni viżiva u, jekk meħtieġ palpitazzjoni tal-milsa;

(ħ) spezzjoni viżiva tal-kliewi u inċiżjoni, jekk meħtieġa, tal-kliewi u r-*renal lymph nodes (Lnn. Renales);*

(i) spezzjoni viżiva tal-*pleura* u l-*peritoneum;*

(j) spezzjoni viżiva tal-organi ġenitali;

(k) spezzjoni viżiva tal-udder u l-*lymph nodes* tagħha (*Lnn supramammarii*), inċiżjoni tas-*supramammary lymph nodes* f'majjaliet nisa;

(l) spezzjoni viżiva u palpitazzjoni tal-*umbilical region* u l-ġogi ta' annimali żgħar; f'każ ta' dubju, l-*umbilical region* irid jiġi inċiż u l-ġogi miftuħa.

D. Ngħaġ u mogħoż

(a) spezzjoni viżiva tar-ras wara l-frustar, u f'każ ta' dubju, eżaminazzjoni tal-griżem, il-ħalq, l-ilsien u r-*retropharyngeal* u l-*parotid lymph nodes.* Mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' annimali, dawn l-eżamijiet mhumiex meħtieġa jekk is-Servizz Veterinarju jkun kapaċi jiggarantixxi li r-ras, inkluż l-ilsien u l-moħħ, mhumiex għall-konsum uman;

(b) spezzjoni viżiva tal-pulmuni, it-*trachea* u l-*oesophagus*; palpitazzjoni tal-pulmuni u l-*bronchial* u l-*mediastinal lymph nodes (Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales)* f'każ ta' dubju, dawn l-organi u l-*lymph nodes* iridu jkunu nċiżi u eżaminati;

(ċ) spezzjoni viżiva tal-*pericardium* u l-qalb; f'każ ta' dubju l-qalb trid tkun inċiża u eżaminata;

(d) spezzjoni viżiva tad-dijaframma;

(e) spezzjoni viżiva tal-fwied u l-*hepatic* u l-*pancreatic lymph nodes (Lnn. Portales);* palpitazzjoni tal-fwied u l-*lymph nodes* tiegħu; inċiżjoni tas-superfiċja gastrika tal-fwied biex jeżaminaw il-kanali tal-bili;

(f) spezzjoni viżiva tal-*gastrointestinal tract,* il-*mesentery* u l-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes (Lnn. Gastrici, mesenterici, craniales u caudales);*

(ġ) spezzjoni viżiva u, jekk meħtieġa, palpitazzjoni tal-milsa;

(ħ) spezzjoni viżiva tal-kliewi; inċiżjoni, jekk meħtieġa, tal-kliewi u tar-*renal lymph nodes (Lnn. Renales*);

(i) spezzjoni viżiva tal-*pleura u l-peritoneum*;

(j) spezzjoni viżiva tal-organi ġenitali;

(k) spezzjoni viżiva tal-*udder u l-lymph nodes* tiegħu;

(l) spezzjoni viżiva u palpitazzjoni tal-*umbilical region* u ġogi ta' annimali żgħar; f'każ ta' dubju, l-*umbilical region* trid tkun inċiża u l-ġogi miftuħa.

E. Solipedi domestiċi

(a) spezzjoni viżiva tar-ras, u wara li teħles mill-ilsien, il-gerżuma, is-*submaxillary retropharyngeal u parotid lymph nodes (Lnn. Retropharyngiales, mandibulares u parotidei*) iridu jkunu palpitati u, jekk meħtieġ, inċiżi. L-ilsien, ġaladarba meħlus biex jippermetti spezzjoni dettaljata tal-ħalq u l-*fauces*, irid ikun eżaminat viżwalment u palpitat. It-tunsilli għandhom jitneħħew;

(b) spezzjoni viżiva tal-pulmuni, t-*trachea u l-vesophagus;* palpazzjoni tal-pulmuni, il-*bronchial u mediastinal lymph nodes (Lnn. Bifurcationes, eparteriales u mediastinales)* iridu jkunu palpatati u, jekk meħtieġ, inċiżi. It-*trachea* u l-fergħat ewlenin tal-bronki jridu jkunu miftuħa għat-tul u l-pulmuni nċiżi fil-*posterior third* tagħhom, perpendikulari għal *axes* ewlenin tagħhom; madanakollu, dawn l-inċiżjonijiet mhumiex meħtieġa fejn il-pulmuni jkunu eskluži mill-konsum uman;

(ċ) spezzjoni viżiva tal-*pericardium* u l-qalb, din ta' l-aħħar tkun inċiża għat-tul biex jinfetħu l-ventrikoli u taqta' minn ġo l-*interventricular septum*;

(d) spezzjoni viżiva tad-dijaframma;

(e) spezzjoni viżiva tal-fwied u l-*hepatic u pancreatic lymph nodes (Lnn. Portales);* palpazzjoni tal-fwied u l-*lymph nodes* tiegħu; jekk meħtieġ, inċiżjoni tal-fwied u l-*hepatic u pancreatic lymph nodes;*

(f) spezzjoni viżiva tal-*gastrointestinal tract;* il-*mesentery* u l-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes (Lnn. Gastrici, mesenterici, craniales u caudales)*; inċiżjoni, jekk meħtieġ, tal-*gastric* u l-*mesenteric lymph nodes*;

(ġ) spezzjoni viżiva u, jekk meħtieġa, palpitazzjoni tal-milsa;

(ħ) spezzjoni viżiva tal-kliewi, palpazzjoni tal-kliewi u inċiżjoni, jekk meħtieġa, tal-kliewi u r-*renal lymph nodes*;

(i) spezzjoni viżiva tal-*pleura u l-peritoneum;*

(j) spezzjoni viżiva tal-organi ġenitali ta' żwiemel u dwieb;

(k) spezzjoni viżiva tal-*udder* u l-*lymph nodes* tiegħu *(Lnn. Supramammarii)* u jekk meħtieġ, inċiżjoni tas-*supramammary lymph nodes,*

(l) spezzjoni viżiva u palpazzjoni tal-*umbilical region* u l-ġogi ta' annimali żgħar; f'każ ta' dubju, l-*umbilical region* trid tkun inċiża u l-ġogi miftuħa;

(m) iż-żwiemel kollha griżi u bojod iridu jkunu spezzjonati għal *melanosis* u *mealanomata* fir-rigward tal-muskoli u l-*lymph nodes (Lnn. Lymphonodi subrhomboidei*) tal-ispallejn taħt l-*iscapular cartilage* billi tillaxka t-twaħħil ta' spalla waħda. Il-kliewi jridu jkunu esposti u eżaminati permezz ta' inċiżjoni matul il-kilwa kollha.

F. Fil-każ ta' dubju, il-veterinarju uffiċjali jista' jagħmel tqattigħ ieħor u spezzjonijiet ta' partijiet relevanti tal-annimali, meħtieġa biex jasal għal deċiżjoni finali.

Fejn il-veterinarju uffiċjali jsib li r-regoli ta' iġene imniżżla f'dan il-Kapitolu ikunu qed jinkisru b'mod ċar jew li spezzjoni adegwata tas-saħħa tkun qed tiġi mfixxkla, huwa għandu jkollu s-setgħa li jieħu azzjoni fir-rigward l-użu ta' makkinarju jew bini u biex jieħu kull miżura meħtieġa, sa u inkluż it-tnaqqis fir-rata ta' produzzjoni jew interruzzjoni tal-proċess ta' produzzjoni.

G. Fejn inċiżjoni tal-*lymph nodes* ta' hawn fuq tkun obbligatorja, huma jridu jkunu sistematikament soġġetti għal inċiżjonijiet multipliċi u spezzjoni viżiva.

42. **A.** B'żieda, il-veterinarju uffiċjali jrid sistematikament iwettaq -

1) Investigazzjoni għal *cystercosis* f'majjali: din l-investigazzjoni trid tinkludi eżaminazzjoni tas-superfiċji muskulari viżibbli direttament, b'mod partikulari il-muskoli tal-koxxa, il-*pillars* tad-dijaframma, l-*intercostal muscles*, il-qalb, l-ilsien u l-*larynx* u, jekk meħtieġ, l-*abdominal wall u l-psoas muscles* meħlusa minn tessut ta' xaħam;

2) Investigazzjoni għal *galnders* f'solipedi permezz ta' eżaminazzjoni bil-għaqal tal-*mucous membranes mit-trachea, larynx, nasal cavities, sinuses* u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara li tinqata' r-ras fil-*median plane* u *excision tan-nasal septum.*

3) Laħam frisk minn majjali u żwiemel li jkollhom *skeletal muscles (striated muscles)* iridu jgħaddu minn investigazzjoni għal *trichinosis.*

Din l-investigazzjoni trid titwettaq skond metodi pruvati li jkunu xjentifikament rikonoxxuti, b'mod partikulari metodi li jkunu definiti fid-Direttivi tal-Komunità jew fi *standards* internazzjonali oħra.

Ir-riżultati jridu jkunu assessjati b'użu ta' metodu ta' referenza fiss mill-Kummissjoni Ewropea skond l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku Veterinarju; l-affidabilità tal-metodu trid tkun ta' l-anqas kbira daqs dik tat-*trichinoscopy* provdut f'punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/96/EEC.

B. Ir-riżultati ta' l-*ante-mortem inspection* u l-awtopsja għandhom ikunu reġistrati mill-veterinarju uffiċjali, u, fejn jinstab mard li jista' jkun trasmess lill-bniedem kif riferit fir-regolament 6, dan ikun komunikat lis-Servizz Veterinarju responsabbli għas-superviżjoni tal-merħla li minnha oriġinaw l-annimali, kif ukoll lill-persuna responsabbli għall-merħla in-kwistjoni.

Kapitolu IX
Ħtiġijiet għal laħam maħsub għat-tqattigħ

43. It-tqattigħ ta' biċċiet iżgħar minn dawk riferiti fir-regolament 3 (1) (i), it-tneħħija ta' l-għadam jew it-tqattigħ ta' offali ta' annimali, huwa permess biss f'impjanti ta' tqattigħ approvati.

44. L-operatur ta' l-impjant, is-sid jew l-aġent tiegħu jrid jiffaċilita operazzjonijiet għas-superviżjoni ta' l-impjant, b'mod partikulari kull maniġġar li hu kunsidrat meħtieġ, u jrid iqiegħed il-faċilitajiet meħtieġa għad-disposizzjoni tas-Servizz ta' superviżjoni. B'mod partikulari, jrid ikun kapaċi, fuq talba, li jinforma lill-veterinarju uffiċjali responsabbli għas-superviżjoni, bis-sors tal-laħam miġjub fl-impjant ta' tqattigħ tiegħu.

45. Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu ta' punt 19 tal-Kapitolu V, laħam li ma jsegwix il-ħtiġijiet tar-regolament 3(l)(ii)(b) ta' dawn ir-regolamenti ma jistgħux jitqiegħdu f'impjanti ta' tqattigħ approvati sakemm ma jitqiegħdux f'żoni ta' ħażna speċjali, irid jitqatta f'postijiet oħra jew f'ħinijiet oħra minn laħam li ma jsegwix dawk il-ħtiġijiet. Il-veterinarju uffiċjali jrid f'kull ħin ikollu aċċess għall-kmamar kollha ta' ħażna u kmamar tax-xogħol sabiex jissodisfa ruħu li d-disposizzjonijiet preċedenti jkunu osservati rigorożament.

46. (a) Laħam frisk irid ikun miġjub progressivament fil-kmamar provduti f'punt 15(b) tal-Kapitolu III, kif meħtieġ. Hekk kif ikun maqtugħ, u fejn xieraq, pakkettat, il-laħam irid jiġi trasferit f'kamra ta' tkessiħ jew refriġerazzjoni relevanti riferita hawn fuq f'punt 15(a) tal-Kapitolu III.

(b) Laħam li jidħol f'bini ta' tqattigħ irid ikun verifikat u, jekk meħtieġ, imqasqas. L-istazzjon tax-xogħol għal din il-biċċa xogħol irid ikun mgħammar b'faċilitajiet xierqa u dwal adatti.

(ċ) Matul it-tqattigħ, it-tneħħija ta' l-għadam, tgeżwir u pakkettar it-temperatura interna tal-kamra tat-tqattigħ ma tridx teċċedi +7°C. Matul it-tqattigħ, it-temperatura tal-kamra tat-tqattigħ ma tridx teċċedi +12°C. Matul is-slajsjar, tgeżwir u pakkettar, it-temperatura nterna tal-fwied trid tinżamm f'temperatura kostanti ta' +3°C jew inqas. Matul it-tqattigħ, it-tneħħija ta' l-għadam, is-slajsjar, id-*dicing,* it-tgeżwir u l-pakkettar it-temperatura ta' fwied, kliewi u laħam tar-ras irid jinżamm f'temperatura kostanti ta' +3°C jew inqas.

(d) B'deroga minn paragrafi (a) u (ċ), il-laħam jista' jiġi mqatta' waqt li jkun sħun. F'dak il-każ, il-laħam irid ikun trasferit direttament mill-biċċerija sal-kamra ta' tqattigħ. B'żieda, il-bini ta' qatla u l-kamra ta' tqattigħ iridu jkunu jinstabu fl-istess grupp ta' bini u suffiċjentement viċin ta' xulxin biex il-laħam ikun trasferit f'operazzjoni waħda, u t-tqattigħ irid jitwettaq immedjatament wara li jinħatt. Hekk kif ikun imqatta', u fejn pakkettat kif xieraq, irid ikun trasferit f'kamra ta' tkessiħ xierqa.

(e) Tqattigħ irid jitwettaq b'mod li jevita kull tiċpis tal-laħam. *Splinters* ta' għadam u *clots* tad-demm iridu jitneħħew. Laħam miksub minn tqattigħ u mhux maħsub għall-konsum uman irid ikun miġbur fil-faċilitajiet, kontenituri jew kmamar riferiti f'punt 4(d) hekk kif jitqatta'.

Kapitolu X
Kontroll ta' Saħħa ta' laħam imqatta' u laħam maħżun

47. Impjanti ta' tqattigħ approvati u *cold stores* approvati jridu jkunu taħt is-superviżjoni permezz ta' veterinarju uffiċjali.

48. Superviżjoni permezz ta' veterinarju uffiċjali trid tinkludi l-ħidmiet li ġejjin -

- superviżjoni tad-dħul u l-ħruġ ta' laħam frisk,

- spezzjoni ta' saħħa ta' laħam frisk miżmum fl-istabbiliment riferit f'punt 47,

- spezzjoni ta' saħħa ta' laħam frisk qabel jitqatta' u meta jħalli l-istabbiliment riferiti f'punt 47,

- superviżjoni tal-indafa tal-bini, faċilitajiet u strumenti provduti fil-Kapitolu V, u ta' iġene ta' l-impjegati, inkluż l-ilbies tagħhom,

- kull superviżjoni oħra li l-veterinarju uffiċjali jikkunsidra meħtieġa għall-assigurazzjoni ta' konformita ma' dawn ir-regolamenti.

Kapitolu XI
Timbrar Mediku

49. Timbrar mediku jrid isir taħt ir-responsabiltà tal-veterinarju uffiċjali. Għal dan il-għan, huwa għandu jissupervizza -

(a) it-timbru mediku;

(b) it-timbru u l-materjal tat-tgeżwir meta timbrat kif provdut f'dan il-Kapitolu.

50. It-timbru mediku jrid ikun -

(a) jew timbru ovali ta' l-anqas wiesa' 6.5cm b'għoli ta' 4.5cm u jkollu din l-informazzjoni li ġejja f'karattri perfettament leġibbli -

- fuq il-parti ta' fuq, il-kodiċi ta' l-ISO għal Malta b'ittri kbar - **MT**

- segwit bin-numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-istabbiliment,

- fuq il-parti ta' isfel, wieħed minn dan il-grupp ta' inizjali li ġejjin - **KE**.

(b) jew marka ovali ta' l-anqas 6.5 cm wiesa' b'għoli ta' 4.5cm u jkollu din l-informazzjoni li ġejja f'karattri perfettament leġibbli -

- fuq il-parti ta' fuq, MALTA f'ittri kbar,

- fin-nofs, in-numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-istabbiliment,

- fuq il-parti ta' isfel, wieħed minn dan il-grupp ta' inizjali li ġejjin - **KE**.

L-ittri jridu jkunu ta' l-anqas 0.8cm għoljin u ċ-ċifri ta' l-anqas 1cm għoljin.

Id-dimensjonijiet u l-karattri tat-timbru jistgħu jiġu ridotti għal timbrar mediku ta' ħrief, gidien u qżieqeż żgħar.

It-timbru mediku jista', b'żieda, jinkludi indikazzjoni tal-veterinarju uffiċjali li wettaq l-ispezzjoni ta' saħħa fuq il-laħam.

51. Karkassa trid tkun timbrata b'inka jew *hot-branded* skond punt 50 -

- dawk li jiżnu iktar minn 65 kilogramm iridu jkunu markati fuq kull nofs karkassa, ta' l-anqas fil-postijiet li ġejjin: is-superfiċja esterna tal-koxox, ġenbejn, dahar, sider u spalla,

- karkassi tal-ħrief, gidien u qżieqeż żgħar irid ikollhom ta' l-anqas żewġ timbri, wieħed fuq kull naħa tal-karkassa, fuq l-ispalla jew fuq is-superfiċja esterna tal-koxox,

- karkassi oħra jridu jkunu markati f'ta' l-anqas erba' postijiet, fuq l-ispalla u fuq is-superfiċja esterna tal-koxox. Madanakollu, fil-każ ta' karkassi ta' ħrief, gidien u qżieqeż żgħar, timbrar mediku jista' jieħu l-forma ta' *label* jew *tag* imma jrid ikun possibbli li tużahom darba biss.

52. Il-fwied ta' annimali bovini, majjali u solipedi ma jridx ikun *hot-branded* skond punt 50 jekk ikunu maħsuba għal Stat Membru jew għal pajjiż ta' EEA.

53. Is-*sub-products* kollha l-oħra għall-qatla tajbin għall-konsum uman iridu jkunu timbrati immedjatament skond punt 50, jew direttament fuq il-prodott jew fuq it-tgeżwir jew l-ippakkettar. It-timbru skond punt 50 irid ikun applikat ma' *label* imwaħħla mar-*wrapping* jew l-ippakkettar jew stampat fuq l-ippakkettar. Jekk ir-wrapping jew il-pakkettar isir fil-biċċerija, it-timbru jrid jinkludi n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment.

54. L-ippakkettar irid dejjem ikun markat skond punt 55.

55. Laħam imqatta' pakkettat u offali pakkettati riferiti f'punt 52 u punt 53 irid ikollhom timbru mediku skond punt 50. It-timbru jrid jinkludi n-numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-impjant ta' tqattigħ minflok dak tal-biċċerija. It-timbru jrid ikun applikat ma' label imwaħħal mal-pakkettar, jew

stampat fuq il-pakkettar, b'mod li jkun meqrud meta l-pakkettar ikun miftuħ.Trid tkun tollerata *non-destruction* biss meta l-pakkettar ikun meqrud billi jiġi miftuħ.

Madanakollu, meta laħam imqatta' jew offali jkun imgeżwer skond punt 62 tal-Kapitolu XII, il-*label* riferita hawn fuq tista' tiġi mwaħħla mar-*wrapping*. Fil-każ ta' offali pakkettati f'biċċerija, in-numru inkluż fit-timbru jrid ikun in-numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-biċċerija konċernata. Din il-ħtieġa tapplika wkoll fejn jiġu wżati *stackable meat transport containers (Euro boxes*) li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' punt 59(b).

56. Fejn laħam frisk ikun imgeżwer f'porzjonijiet kummerċjali maħsuba għal bejgħ dirett lill-konsumatur, għandhom japplikaw punti 53 u 55. Il-ħtiġijiet ta' dimensjoni ta' punt 50 m'għandhomx japplikaw għat-timbru rikjest taħt dan il-punt.
Jekk laħam ikun pakkettat mill-ġdid f'impjant differenti minn dak li fih kien imgeżwer l-ewwel darba, ir-*wrapping* irid ikollu t-timbru mediku tal-impjant ta' tqattigħ fejn kien imgeżwer l-ewwel darba, u l-pakkettar irid ikollu t-timbru mediku taċ-ċentru tal-pakkettar.

57. Laħam minn solipedi u l-pakkettar tiegħu jrid ikollu timbru speċjali biex ikun determinat skond il-proċedura mniżżla fir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti.

58. Il-kuluri wżati għat-timbru mediku jridu jkunu dawk elenkati fl-atikolu 2(8) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/36/EEC.

Kapitolu XII
Tgeżwir u pakkettar ta' laħam frisk

59. (a) Pakkettar (per eżempju packing cases, kaxxi tal-kartun) irid isegwi r-regoli kollha ta' iġene, u b'mod partikulari -

- ma jridx ibiddel il-karatteristiċi organolettiċi tal-laħam,

- ma jridx ikun kapaċi li jittrasmetti lil laħam sustanzi ta' ħsara għas-saħħa umana,

- jrid ikun b'saħħtu biżżejjed biex jiżgura protezzjoni effettiva tal-laħam matul it-trasport u l-immaneġġar.

Injam ma jistax jiġi wżat ħlief, fil-każ ta' karkassi ta' ħrief u gidien, kemm-il darba jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jevitaw kuntatt bejn il-laħam u l-pakkettar fil-każ ta' xi tqattigħ fir-*wrapping;*

(b) Pakkettar ma jridx jerġa' jiġi wżat għal laħam sakemm ma jkunx magħmul minn materjali li ma jitmermrux li jkunu faċli li jitnaddfu u li jkunu ġew imnaddfa u disinfettati minn qabel.

60. Fejn laħam frsik imqatta' jew offali jkun imgeżwer, din l-operazzjoni trid titwettaq immedjatament wara t-tqattigħ u skond il-ħtiġijiet ta' iġene.

Bl-eċċezzjoni ta' qatgħat ta' xaħam solidu ta' barra u żaqq ta' majjali, laħam maqtugħ u offali jridu fil-każijiet kollha jkunu provduti bi tgeżwir protettiv sakemm ma jkunx sospiż matul it-trasport tiegħu.

Tgeżwir bħal dan irid ikun trasparenti u mingħajr kuluri u jrid ukoll isegwi l-kundizzjonijiet ta' l-ewwel u t-tieni indenti ta' punt 59(a); ma jistax jerġa' jintuża biex igeżwer laħam. Din il-ħtieġa tista' jkun imneħħija għal laħam friżat maħsub biex jintuża mingħajr aktar proċessar bħala materjal nej għall-prodotti riferiti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC jew fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/65/EEC.

Fejn fwied, kliewi u qlub ikunu s-suġġett ta' kummerċ jew huma mpurtati, kull tgeżwir jista' jkun fih biss organu komplet.

61. Laħam imgeżwer irid ikun pakkettat.

62. Madanakollu, meta t-tgeżwir isegwi l-kundizzjonijiet protettivi kollha tal-pakkettar, m'għandux bżonn ikun trasparenti jew mingħajr kulur. Jistgħu wkoll jintużaw *Euro boxes* bħala tieni kontenitur, kemm-il darba l-kundizzjonijiet l-oħra ta' punt 59 ikunu segwiti.

63. Operazzjonijiet ta' tqattigħ, tneħħija ta' għadam, tgeżwir u pakkettar jistgħu jsiru fl-istess kamra, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin -

(a) Il-kamra trid tkun kbira biżżejjed u hekk irranġata li l-iġene tal-operazzjonijiet tkun żgurata,

(b) Il-pakkettar u t-tgeżwir iridu jkunu magħluqa f'*cover* protettiv siġillat immedjatament wara l-manifattura, dan il-*cover* irid ikun protett minn ħsara matul it-trasport lejn l-istabbiliment u maħżun taħt kundizzjonijiet iġeniċi f'kamra separata fl-istabbiliment,

(ċ) Il-kmamar għall-ħażna ta' materjal pakkettat trid tkun ħielsa minn trab u vermi u ma jkollhiex konnessjoni ta' arja ma' kmamar li jkun fihom sustanzi li jistgħu jikkontaminaw laħam frisk. Il-pakkettar ma jridx ikun maħżun fl-art,

(d) Il-pakkettar irid ikun miġbur taħt kundizzjonijiet iġeniċi qabel ikun miġjub fil-kamra,

(e) Il-pakkettar irid ikun miġjub iġenikament fil-kamra u wżat mingħajr dewmien. Ma jridx ikun maneġġat minn impjegati li jimmaneġġaw laħam frisk,

(f) Immedjatament wara l-pakkettar il-laħam irid ikun imqiegħed fil-maħżen provdut. Laħam frisk jista' wkoll ikun pakkettat f'kamra ta' tqattigħ, kemm-il darba *Euro boxes,* li jridu jsegwu l-ħtiġijiet ta' punt 59(B) ikunu ġew imnaddfa u disinfettati qabel jinġiebu fil-kamra ta' tqattigħ.

64. Il-pakkettar riferit f'dan il-Kapitolu jista' jkun fih laħam mill-istess speċi ta' annimali ħlief fil-każ ta' porzjonijiet kummerċjali maħsuba għall-bejgħ dirett lill-konsumatur.

Kapitolu XIII
Ċertifikat Mediku

65. Il-kopja oriġinali taċ-ċertifikat mediku li jrid jakkumpanja l-laħam matul it-trasport fil-post ta' destinazzjoni jrid ikun maħruġ minn veterinarju uffiċjali fil-ħin tat-tagħbija.
Iċ-ċertifikat irid jikkorrispondi fil-forma u l-kontenut mal-mudell tal-Iskeda IV u jkun ta' l-anqas imfassal fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-post ta' destinazzjoni. Irid jikkonsisti f'karta waħda biss.

Kapitolu XIV
Ħażna

66. Laħam frisk irid ikun imkessaħ immedjatament wara l-awtopsja u miżmum f'temperatura nterna kostanti ta' mhux aktar minn +7°C għall-karkassi u qatgħat u +3°C għall-offali.

Għal raġunijiet tekniċi relatati mal-maturazzjoni tal-laħam, tista' tingħata deroga minn dawn il-ħtiġijiet, mis-Servizz Veterinarju fuq bażi ta' każ b'każ għat-trasport ta' laħam lejn impjanti ta' tqattigħ jew ħwienet tal-laħam fil-viċinanza immedjata tal-biċċerija, kemm-il darba dan it-trasport ma jiħux aktar minn sagħtejn.

Laħam frisk għall-iffriżar irid jiġi direttament minn biċċerija approvata jew impjant ta' tqattigħ approvat.

L-iffriżar ta' laħam frisk jista' jsir biss fi kmamar tal-istess stabbiliment fejn il-laħam ikun inkiseb jew tqatta' *f'cold store* approvat, permezz ta' makkinarju xieraq.

Meta maħsub għall-iffriżar, il-qatgħat riferiti fir-regolament 3(1)(i) ta' dawn ir-regolamenti, il-qatgħat riferiti f'punt 53 tal-Kapitolu XI ta' din l-Iskeda u l-offali jridu jkunu friżati mingħajr dewmien

sakemm mhux meħtieġa l-maturazzjoni għal raġunijiet ta' saħħa. F'dan il-każ iridu jkunu friżati mingħajr dewmien żejjed wara l-maturazzjoni.

Karkassi, nofs karkassi, nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet biċċiet għall-bejgħ bl-ingrossa, u kwarti maħsuba għall-iffriżar iridu jkunu friżati mingħajr dewmien żejjed wara perjodu ta' stabbilizzazzjoni.

Laħam imqatta' maħsub għall-iffriżar irid ikun friżat mingħajr dewmien żejjed wara t-tqattigħ.

Laħam friżat irid jilħaq temeperatura nterna ta' 12°C jew inqas u ma jistax jiġi maħżun f'temperaturi ogħla wara dan.

Laħam frisk li jkun għadda minn proċess ta' friżar irid juri x-xahar u s-sena li fiha kien friżat.

67. L-ebda prodott ieħor li jista' jaffetwa l-iġene tal-laħam jew jikkontaminah ma jista' jiġi maħżun fil-kmamar riferiti f'punti 16 u 17 tal-Kapitolu IV sakemm il-laħam ma jkunx pakkettat u maħżun separatament.

68. It-temperatura tal-imħażen riferiti f'punti 16 u 17 tal-Kapitolu IV trid tkun reġistrata.

Kapitolu XV
Trasport

69. Laħam frisk irid ikun trasportat f'mezz ta' trasport provdut *b'hermetic closing system,* jew, fil-każ ta' laħam frisk impurtat skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC jew laħam frisk li jkun għaddej mit-teritorju ta' pajjiż terz f'mezz ta' trasport siġillat, disinjat u mgħammar b'mod li t-temperaturi speċifikati fil-Kapitolu XIV jkunu miżmuma matul it-trasport.

70. Mezz ta' trasport maħsub għat-trasport ta' laħam bħal dan irid isegwi l-ħtiġijiet li ġejjin -

(a) is-superfiċji interni tagħhom jew kull parti oħra li tista' tiġi f'kuntatt mal-laħam iridu jkunu ta' materjal li ma jitmermirx li ma jistax jaffetwa l-karatteristiċi organoleptiċi tal-laħam jew jirrendi l-laħam ta' perikolu għas-saħħa umana; dawn is-superfiċji jridu jkunu lixxi u faċli li jitnaddfu u jkunu disinfettati.

(b) iridu jkunu provduti b'apparat effiċjenti għall-protezzjoni tal-laħam kontra nsetti u trab u jkunu *watertight.*

(ċ) għat-trasport ta' karkassi, nofs karkassi, nofs karkassi mqattgħin f'mhux aktar minn tliet biċċiet għall-bejgħ bl-ingrossa, kwarti u laħam imqatta' mhux pakkettat, iridu jkunu mgħammra b'*corrosion-resistant fittings* biex idendlu l-laħam f'għoli li ma jkunx jista' jmiss l-art. Din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika għal-laħam friżat f'pakkettar iġeniku. Fil-każ ta' trasport bl-ajru, madanakollu, *fittings* biex idendlu l-laħam m'huwiex meħtieġ kemm-il darba jkunu provduti faċilitajiet adatti li ma jitmermrux, biex il-laħam jitgħabba, jinżamm u jinħatt iġenikament.

71. Mezz ta' trasport maħsub biex jittrasporta laħam ma jistax fl-ebda każ jintuża għat-tasport ta' annimali ħajjin jew xi prodotti li jistgħu jaffettwaw jew jikkontaminaw il-laħam.

72. L-ebda prodott ieħor li jista' jaffetwa l-iġene tal-laħam jew jikkontaminawh ma jista' jkun trasportat fl-istess ħin bħal-laħam fl-istess mezz ta' trasport sakemm ma jittieħdux il-prekawzjonijiet xierqa. Laħam pakkettat irid ikun trasportat f'mezzi ta' trasport separati minn laħam mhux pakkettat sakemm, fl-istess mezz ta' trasport, tkun provduta separazzjoni fiżika adegwata sabiex tipproteġi laħam mhux pakkettat minn laħam pakkettat. B'żieda, stonkijiet ma jistgħux jiġu trasportati hemmhekk sakemm ma jkunux mismuta jew imnaddfa, lanqas irjus u saqajn sakemm ma jkunux imqaxxra jew mismuta u s-suf imneħħi.

73. Laħam frisk ma jistax jiġi trasportat f'vettura jew kontenitur li ma jkunx nadif u ma jkunx ġie disinfettat.

74. Karkassi, nofs karkassi u kwarti, nofs karkassi imqattgħin f'mhux aktar minn tliet biċċiet għall-bejgħ bl-ingrossa eskluż laħam friżat pakkettat skond il-ħtiġijiet ta' iġene, iridu jkunu mdendla matul it-trasport ħlief fil-każ ta' trasport bl-ajru skond punt 70(ċ).
Qatgħat oħra u offali jridu jkunu mdendla jew imqiegħda fuq *supports* jekk mhux pakkettati jew miżmuma f'kontenituri li ma jitmermrux. Dawn is-*supports*, pakkettar jew kontenituri jridu jsegwu l-ħtiġijiet ta' iġene u, b'mod partikulari fir-rigward ta' pakkettar, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Il-*viscera* trid dejjem tkun trasportata f'pakkettar *waterproof* u *greaseproof* b'saħħtu li jista' jerġa' jintuża biss wara l-ħasil u d-disinfettar.

75. Il-veterinarju uffiċjali jrid jiżgura qabel il-ħatt li l-vetturi tal-ġarr u l-kundizzjonijiet ta' tagħbija jsegwu l-ħtiġijiet ta' iġene ta' dan il-Kapitolu.

SKEDA II

Kapitolu I

Kundizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti *low-capacity*

Stabbilimenti *low-capacity* irid ikollhom ta' l-anqas -

1. Fil-kmamar fejn ikun prodott u maħdum laħam frisk -

(a) art *waterproof* li tkun faċli li titnaddaf u tkun disinfettata, *rot-proof* u mqiegħda b'mod li tiffaċilita t-tneħħija ta' l-ilma; l-ilma jrid ikun kanalat lejn *drains* iffittjati bi *gratings* u *traps* biex jevitaw irwejjaħ;

(b) ħitan lixxi, b'saħħithom, impermejabbli, b'kulur ċar, żebgħa li tinħasel sa għoli ta' mill-anqas żewġ metri, u ta' mill-anqas tliet metri fi kmamar ta' qatla;

(ċ) bibien b'materjal li jitnaddaf, *rot-proof* u bla riħa. Fejn ikun maħżun laħam fl-istabbiliment konċernat, dak l-istabbiliment irid ikollu maħżen li jissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija qabel;

(d) materjali ta' insulazzjoni li jkunu *rot-proof* u bla riħa;

(e) ventilazzjoni adegwata u jekk meħtieġ estrazzjoni tajba ta' fwar;

(f) dawl naturali jew artifiċjali adegwat li ma jbiddilx kuluri.

2. (a) Viċin kemm hu possibbli għal stazzjonijiet ta' xogħol, numru suffiċjenti ta' faċilitajiet għal tindif u disinfettar ta' l-idejn u biex jitnaddfu l-għodod b'ilma sħun. Għall-ħasil ta' l-idejn, dawn il-faċilitajiet, irid ikollhom ilma sħun u kiesaħ jew ilma mħallat minn qabel f'temperatura adatta, prodotti ta' tindif u disinfettar u mezzi iġeniċi biex jitnixxfu l-idejn;

(b) faċilitajiet fuq il-post jew f'kamra aġjaċenti għal disinfettar ta' għodod, b'ilma sħun provdut f'temperatura ta' mhux anqas minn 82°C;

3. Arranġamenti xierqa għall-protezzjoni kontra pesti bħalma huma nsetti u ġrieden.

4. (a) strumenti u makkinarju ta' xogħol bħalma huma mwejjed ta' tqattigħ, imwejjed b'superfiċji ta' tqattigħ li jiżżarmaw, kontenituri, *conveyor belts* u srieraq, magħmula minn materjal li ma jitmermirx, ma jtabbax lil laħam u faċli biex jitnaddaf u jkun disinfettat. L-użu ta' injam huwa projbit.

(b) *fittings* li ma jitmermrux u makkinarju li jsegwi l-ħtiġijiet ta' iġene għall -

- immaniġġar ta' laħam,

- ħażna ta' kontenituri tal-laħam, b'mod li la l-laħam u lanqas il-kontenituri ma jiġu f'kuntatt dirett ma' l-art jew ħitan;

(ċ) kontenituri *watertight* li ma jitmermrux speċjali, b'għotjien u *fasteners* biex jevitaw li persuni mhux awtorizzati jneħħu affarijiet minn ġo fihom, biex iżommu laħam mhux maħsub għall-konsum uman; laħam bħal dan irid ikun imneħħi jew meqrud fi tmiem kull ġurnata ta' xogħol.

5. Makkinarju ta' refriġerazzjoni biex iżomm it-temperatura interna tal-laħam fil-livelli mitluba minn dawn ir-regolamenti. Dan il-makkinarju irid jinkludi sistema ta' drenaġġ li tinfed mal-kanen ta' l-ilma maħmuġ li ma tippreżenta l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni tal-laħam.

6. Provista bil-pressa ta' ilma tajjeb għax-xorb fit-tifsira tar-regoli tal-Komunita biss. Madanakollu, provvista ta' ilma mhux tajjeb għax-xorb tkun awtorizzata f'każijiet eċċezzjonali għall-produzzjoni ta' fwar, tifi tan-nar u t-tkessiħ ta' makkinarju ta' refriġerazzjoni, kemm-il darba l-kanen installati għal dan il-għan jipprekludi l-użu ta' dan l-ilma għal għanijiet oħra u ma jippreżenta l-ebda riskju ta' kontaminazjoni ta' laħam frisk. Kanen ta' ilma mhux tajjeb għax-xorb iridu jkunu distinti b'mod ċar minn dawk użati għal ilma tajjeb għax-xorb.

7. Provvista adatta ta' ilma sħun tajjeb għax-xorb fit-tifsira tar-regoli tal-Komunita.

8. Sistema għat-tneħħija iġenika ta' ilma maħmuġ.

9. Ta' l-anqas sink wieħed u *flush lavatories.* Dawn ta' l-aħħar ma jridux jinfdu direttament fuq il-kmamar tax-xogħol. Is-sink irid ikollu ilma sħun u kiesaħ jew ilma mħallat minn qabel f'temperatura adatta, materjali iġeniċi għat-tindif u disinfettar ta' l-idejn u mezzi iġeniċi għat-tnixxif ta' l-idejn. Is-sink irid jkun ħdejn il-*lavatories*.

Kapitolu II
Kundizzjonijiet Speċjali għall-approvazzjoni ta' biċċeriji *b'low-capacity*

10. B'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali, biċċeriji b'kapaċità baxxa jridu ta' l-anqas ikollhom -

(a) kenn suffiċjentement kbir għal annimali li jkunu se jqattgħu il-lejl fil-bini tal-biċċerija;

(b) kamra għall-qatla u b'vista tal-operazzjonijiet imwettqa matul il-qatla, kmamar li jgħoddu għall-attivitajiet bħal dawn, kbar biżżejjed biex jitwettaq fihom xogħol sodisfaċenti min-naħa tal-iġene;

(ċ) post separat b'mod ċar fi ħdan il-kamra tal-qatla, maħsub għall-isturdament u l-iżvinar;

(d) fil-kamra ta' qatla, ħitan li jinħaslu sa għoli ta' mill-anqas tliet metri jew sas-saqaf. Matul il-qatla, il-fwar għandu jiġi estratt adegwatament;

(e) makkinarju tali li, wara l-isturdament, jista jsir *dressing* kemm ikun possibbli fuq l-annimal imdendel; taħt l-ebda cirkustanza l-annimal imdendel ma jista' jiġi f'kuntatt ma' l-art waqt li jkun qed isir id-*dressing;*

(f) kamra ta' refriġerazzjoni ta' kapaċità suffiċjenti f'relazzjoni mad-daqs u tip ta' annimali maqtula, b'żona separata maħsuba għall-ħażna ta' karkassi konfiskati, ħlief fil-każijiet fejn karkassi konfiskati jingarru immedjatament, taħt kontroll uffiċjali, lejn stabbiliment speċjalista għal eżamijiet addizzjonali.

11. Fil-kamra tal-qatla, għandu jkun projbit li jitbattlu stonkijiet u intestini jew li jinħażen, ġlud ta' l-annimali, qarnijiet, xikel u lanżit tal-majjali. Fil-kamra tal-qatla, stonkijiet u intestini jistgħu jiġu mnaddfa f'ħinijiet li fihom ma jkun qed isir l-ebda qtil.

12. Jekk id-demel ma jistax jitneħħa mill-bini tal-biċċerija kuljum, irid ikun maħżun f'post għal kollox separat.

13. Annimali misjuba fil-kmamar tal-qatla jridu jkunu storduti u maqtula immedjatament.

14. Annimali morda jew b'suspett ta' mard ma jridux ikunu maqtula fl-istabbiliment konċernat ħlief fejn tingħata deroga mis-Servizz Veterinarju. Fejn tingħata deroga, il-qtil irid jitwettaq taħt is-superviżjoni tas-Servizz Veterinarju u jittieħdu passi biex jevitaw kontaminazzjoni; il-bini jrid ikun imnaddaf u disinfettat b'mod speċjali taħt superviżjoni uffiċjali qabel jerġa' jibda jintuża.

15. Biċċeriji jrid ikollhom kamra b'*cupboard* li jissakkar għad-disposizzjoni tas-Servizz ta' spezzjoni matul ix-xogħol tiegħu.

SKEDA III

Kwalifiki Professjonali ta' Awżiljarji

1. Kandidati biss li juru li jkunu segwew kors teoretiku, inkluż demonstrazzjonijiet fil-laboratorju, awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar is-suġġetti riferiti f'punt 3(a) ta' din l-Iskeda għal mill-anqas 400 siegħa u li kellhom taħriġ taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali għal perjodu ta' mill-anqas 400 siegħa u li kellhom taħriġ taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali għal perjodu ta' mill-anqas 200 siegħa għandhom ikunu eliġibbli għat-test riferit fir-raba' paragrafu tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti. It-taħriġ prattiku għandu jsir fil-biċċeriji, impjanti ta' tqattigħ, *cold stores* u *inspection posts* għal laħam frisk.

2. Madanakollu, awżiljarji li jsegwu l-ħtiġijiet tal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC jistgħu jsegwu kors ta' taħriġ li fih il-parti teoretika tkun ridotta għal 200 siegħa.

3. It-test riferit fir-raba' paragrafu tar-regolamen 9 ta' dawn ir-regolamenti għandu jikkonsisti f'parti teoretika u parti prattika u għandu jkopri s-suġġetti li ġejjin -

(a) parti teoretika -

- tagħrif bażiku ta' anatomija u fiżjoloġija ta' annimali maqtula,

- tagħrif bażiku ta' patoloġija ta' annimali maqtula,

- tagħrif bażiku ta' anatomija patoloġika ta' annimali maqtlula,

- tagħrif bażiku ta' iġene u b'mod partikulari iġene industrijali, qtil, tqattigħ u iġene ta' ħażna u iġene tax-xogħol,

- tagħrif ta' metodi u proċeduri għall-qtil, spezzjoni, preparazzjoni, tgeżwir, pakkettar u trasport ta' laħam frisk,

- tagħrif tal-liġijiet, regoli u disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tax-xogħol tagħhom, proċeduri ta' teħid ta' kampjuni.

(b) parti prattika -

- spezzjoni u assessjar ta' annimali maqtula,

- determinazzjoni ta' speċi ta' annimali permezz ta' eżaminar ta' partijiet tipiċi ta' l-annimali,

- determinazzjoni ta' numru ta' partijiet ta' annimali maqtula li fihom isiru tibdiliet, u kummenti dwarhom,

- ispezzjoni wara l-qtil f'biċċerija,

- kontroll ta' iġene,

- teħid ta' kampjuni.

SKEDA IV

Eżempju ta' Ċertifikat Mediku għal laħam frisk ([1]) riferit fl-artikolu 3(A)(1)(f)(iii) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC

Nru ([2]): . . . . . .

_____

Post ta' tagħbija: _____

Ministeru: _____

Dipartiment: _____

Riferenza ([2]): _____

I. Identifikazzjoni ta' laħam

Laħam ta': _____
(speċi ta' annimali)

Natura ta' tqattigħ: _____

Natura ta' pakkettar: _____

Natura ta' qtugħ jew pakkettar: _____

Xahar/Xhur u sena/snin meta ġew friżati: _____

Piż Net.

II. Oriġini tal-laħam

Indirizz/i u numru ta' approvazzjoni veterinarju ta' biċċerija/i approvati.

_____

Indirizz/i u numru/i ta' approvazzjoni veterinarju ta' l-impjant/i ta' tqattigħ approvat/i

_____

Indirizz/i u numru/i ta' approvazzjoni veterinarju ta' *cold store(s)* approvat/i

_____

III. Destinazzjoni tal-laħam. Il-laħam se jkun mibgħut minn

_____

(post ta' tagħbija)

għal _____

(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezz ta' trasport li ġej ([3]): _____

Isem u indirizz tal-konsenjatur:

Isem u indirizz ta' min jirċievi:

IV. Ċertifikazzjoni medika: Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-laħam deskritt hawn fuq kien miksub taħt il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontroll stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/43/EEC.

- f'biċċerjia li tinsab f'reġjun jew żona ristretta ([4]),

- u huwa maħsub għal Stat Membru wara transitu minn pajjiż terz ([4]),

- huwa maħsub għall-Finlandja jew l-Isvezja ([4]):

(i) it-test riferit fir-regolament 5(3)(a) twettaq ([4])

(ii) il-laħam huwa maħsub għall-proċessar

(iii) il-laħam ġej minn stabbiliment li huwa soġġett għal programm kif riferit fir-regolament 5(3).

(ċ) Magħmul f' _____ fil- _____

(*isem u firma tal-veterinarju uffiċjali)* _____

_____

([1]) Laħam frisk: skond id-Direttiva riferita f'IV ta' dan iċ-ċertifikat, dan ifisser il-partijiet kollha tajbin għall-konsum uman, minn annimali bovini domestiċi, qżieqeż, ngħaġ u mogħoż u solipedi li ma għaddewx minn xi proċess ta' preservazzjoni, madanakollu, laħam imkessaħ u friżat għandu jkun kunsidrat bħala laħam frisk.

([2]) Timtela jekk trid.

([3]) Fil-każ ta' rail trucks u trakkijiet, niżżel in-numru ta' reġistrazzjoni, fil-każ ta' ajruplan in-numru tat-titjira, u fil-każ ta' dgħajjes l-isem u, fejn meħtieġ, in-numru tal-kontenitur.

([4]) Hassar fejn ma jgħoddx.

SKEDA V

Eżempju ta' Ċertifikat Mediku għal laħam frisk maħsub għall-kunsinna lil Stat Membru ([1])

Nru ([2]) _____

Pajjiż esportatur: _____

Ministeru: _____

Dipartiment: _____

Riferenza: _____
(optional)

I. Identifikazzjoni ta' laħam.

Laħam ta': _____
(speċi ta' annimali)

Natura ta' tqattigħ: _____

Natura ta' pakkettar: _____

Natura ta' tqattigħ jew pakkettar: _____

Xahar/xhur u sena/snin meta ġew friżati: _____

Piż Net: _____

II. Oriġini tal-laħam. Indirizz/i u numru/i ta' approvazzjoni veterinarju tal-biċċerija/i approvata/i:

_____

Indirizz/i u numru/i ta' approvazzjoni veterinarju tal-impjant/i ta' tqattigħ approvat/i:

_____

Indirizz/i u numru/i ta' approvazzjoni veterinarju tal-*cold store/s* approvat/i:

_____

III. Destinazzjoni ta' laħam.

Il-laħam jintbagħat minn:

_____
(post tat-tagħbija)

Sa _____
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

Permezz tal-mezz ta' trasport li ġej ([3]):

_____

Isem u indirizz tal-konsenjatur: _____

Isem u indirizz ta' min jirċievi: _____

IV. Ċertifikazzjoni Medika.

Jiena, il-veterinarju hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-laħam deskritt hawn fuq kien miksub taħt il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontroll stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni

Ewropea 64/433/EEC dwar problemi mediċi li jaffettwaw kummerċ intrakomunitarju f'laħam frisk u li hu, għaldaqstant, kunsidrat bħala tajjeb għall-konsum uman.

Magħmul f' _____ fil- _____.

_____

(firma tal-veterinarju uffiċjali)

_____

([1]) Laħam frisk: skond id-Direttiva riferita f'IV ta' dan iċ-ċertifikat, dan ifisser il-partijiet kollha tajbin għall-konsum uman, minn annimali bovini domestiċi, majjali, ngħaġ u mogħoż u solipedi li ma għaddewx minn xi proċess ta' preservazzjoni, madanakollu, laħam imkessaħ u friżat għandu jkun kunsidrat bħala laħam frisk.

([2]) Timtela jekk trid.

([3]) Fil-każ ta' rail trucks u trakkijiet, niżżel in-numru ta' reġistrazzjoni, fil-każ ta' ajruplan in-numru tat-titjira, u fil-każ ta' dgħajjes l-isem u, fejn meħtieġ, in-numru tal-kontenitur.

SKEDA VI

Sezzjoni A
Metodi ta' teħid ta' kampjuni

1. Karkassi, nofs-karkassi u kwarti miksuba mill-biċċerija ta' oriġini *swab technique*. Kampjuni li jużaw is-surface *swabbing method* jittieħdu minn postijiet li għandhom mnejn ikunu kontaminati. *Surface swabbing* jinkludi l-ftuħ tal-ġnub tal-karkassi u *cut surfaces.* B'żieda, karkassi taċ-ċanga jkunu *swabbed* f'ta' l-anqas tliet postijiet (sieq, ġenb u għonq), madanakollu, karkassi tal-majjali jkunu *swabbed* f'ta' l-anqas żewġ postijiet (sieq u *brisket*).

Biex tiġi evitata *cross contamination*, kampjuni jittieħdu mingħajr ma jiġi maniġġat il-laħam u billi jintużaw *swabs* u *templates* sterili.

Iż-żoni tat-teħid tal-kampjuni (20cm x 20cm) deskritti fl-ewwel paragrafu jkunu *swabbed* b'żewġ *cotton swabs* sterili. L-ewwel *swab* tkun imxarrba b'ilma *peptone* sterili u jindilek sewwa, ħafna drabi, matul Iż-żona tat-teħid tal-kampjun.

L-istess żona tat-teħid tal-kampjun tindilek bit-tieni *swab* użata niexfa. Sussegwentement is-*swabs* jitqiegħdu f'100ml ta' *buffered peptone water.* Kull kampjun ikun markat u identifikat kif suppost.

2. *Quarter cuts* miksuba minn stabbiliment ieħor li mhux il-biċċerija ta' oriġini tal-karkassi, tqattigħ u biċċiet iżgħar *(destructive method).*

Biċċiet ta' tessuti, miksuba permezz ta' *punching* ta' *sterile cork bores* fis-superfiċja tal-laħam jew permezz ta' qtugħ ta' *slice* ta' tessut ta' bejn wieħed u ieħor 25cm bi strumenti sterili. Il-kampjuni jkunu trasferiti *aseptically* fil-kontenitur tal-kampjun jew *plastic dilution bag* u imbagħad omoġenizzati (*peristaltic stomacher* jew *rotary blender (homogeniser)*). Kampjuni ta' laħam friżat jibqgħu friżati matul it-trasport lejn il-laboratorju. Kampjuni minn laħam imkessaħ ma jiġux friżati imma jinżammu refriġerati. Kampjuni separati tal-istess kunsinna jistgħu jitpoġġew flimkien. Kull kampjun ikun markat u identifikat sewwa.

Section B
Numru ta' Kampjuni li għandhom jittieħdu

1. Karkassi, nofs karkassi, nofs karkassi mqattgħin f'massimu ta' tliet biċċiet u kwarti riferiti taħt A(1).
In-numru ta' karkassi jew nofs-karkassi *(units)* f'kunsinna li tagħha jittieħdu *random samples* separati jkun kif ġej -

Kunsinna (numru ta' units)	**Numru ta' *units* li għandu jitteħdilhom Kampjun**
1 - 24	Numru daqs in-numru ta' units sa massimu ta' 20
25 - 29	20
30 - 39	25
40 - 49	30
50 - 59	35
60 - 89	40
90 - 199	50
200 - 499	55
500 u iktar	60

2. Kwarti, biċċiet u biċċiet iżgħar kif riferit taħt A(2).

In-numru ta' *packing units* fil-kunsinna li minnhom jittieħdu *random samples* separati ikun kif ġej -

Kunsinna (numru ta' *packing units*)	**Numru ta' *packing units* li għandu jitteħdilhom kampjun**
1 - 24	Numru daqs in-numru ta' *packing units* sa massimu ta' 20
25 - 29	20
30 - 39	25
40 - 49	30
50 - 59	35
60 - 89	40
90 - 199	50
200 - 499	55
500 u iktar	60

Jiddependi fuq il-piż tal-*packing units*, in-numru ta' *packing units* li għandu jitteħdilhom kampjun jista' jitnaqqas billi jiġu wżati l-*multiplication factors* li ġejjin -

Piż ta' *packing units*	>20kg	10 - 20kg	< 10kg
Multiplication factors	x1	x 3/4	x 1/2

Sezzjoni Ċ
Metodu Mikrobijoloġiku għall-Eżaminar tal-Kampjuni

Testing mikrobijoloġiku tal-kampjuni għal salmonella għandhom jitwettqu skond l-istandard tal-Kummissjoni Ewropea għal Standardizzazzjoni ISO 6579 : 1993 jew *revised editions*, jew bil-metodu deskritt min-*Nordic Committee on Food Analysis (NMKL method No. 71, fouth editon, 1991) jew revised editions*.

Madanakollu, metodi li joffru garanziji ekwivalenti jistgħu jiġu awtorizzati skond il-proċeduri mniżżla fl-artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC.
Fejn ir-riżultati ta' analiżi jkunu kontestati bejn Stati Membri, l-istandard tal-Kummissjoni Ewropea għal Standardizzazzjoni ISO 6579 : 1993 jew *revised editions* għandhom jiġu meqjusa bħala l-metodu ta' referenza.

SKEDA VII

It-timbru speċjali jrid ikun it-timbru ovali, kif definit f'punt 49 fil-Kapitolu X tal-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti kopert b'żewġ linji paralleli, b'distanza ta' mill-anqas 1cm, li jaqsmu t-timbru ovali matul id-dijametru prinċipali filwaqt illi l-informazzjoni tibqa' leġibbli, u ż-żewġ linji paralleli jkunu evidenti daqs id-dawra esterna tat-timbru.